# Dizzjunarju Speċjalizzat

# Ekonomija



**Lino Briguglio**

Edituri
Michael Spagnol
Thomas Pace
Dwayne Ellul

**Dizzjunarju**
Speċjalizzat

# Ekonomija


**Lino Briguglio**

Edituri
Michael Spagnol
Thomas Pace
Dwayne Ellul

Il-Kunsill Nazzjonali
tal-Ilsien Malti

L-Università ta' Malta
Il-Fakultà tal-Arti
Id-Dipartiment
tal-Malti

Din l-ewwel edizzjoni, 2023.

© Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti u
d-Dipartiment tal-Malti, il-Fakultà tal-Arti, l-Università ta' Malta
(għall-pubblikazzjoni)

© Lino Briguglio
(għat-test)

Qari tal-provi: Karl Scicluna u Lawrence Deguara

Disinn: Kuluri

Stampar: Print It

www.kunsilltalmalti.gov.mt
www.malti.mt

ISBN: 978-9918-0-0467-6

# Kelmtejn qabel

Kienet ilha x-xewqa tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti u tad-Dipartiment tal-Malti, fil-Fakultà tal-Arti, fl-Università ta' Malta li – id f'id mal-esperti tal-qasam – jiżviluppaw it-terminoloġija ta' suġġetti varji, fosthom dawk li m'aħniex imdorrijin naħsbu, nitħaddtu u niktbu dwarhom bil-Malti. Dawn id-dizzjunarji għandhom l-għan li jiġbru b'mod sistematiku t-termini ta' oqsma tradizzjonali u moderni, u jagħmluhom aċċessibbli, u li jservu ta' riżorsa għal min ikun jixtieq iħaddem il-vokabolarju bil-Malti f'dawn l-oqsma. B'hekk, ilsienna jkompli jinfirex f'setturi oħra, anki akkademiċi, u tinħass aktar l-utilità tiegħu.

Flimkien mal-Prof. Lino Briguglio bnejna dan id-dizzjunarju li jiġbor il-vokabolarju ċentrali tal-ekonomija, settur li kulma jmur qed nisimgħu iżjed dwaru globalment fl-isferi politiċi u soċjali. Dan ix-xogħol jista' jservi ta' referenza għall-professjonisti u l-istudenti tal-ekonomija, il-ġurnalisti, it-tradutturi, l-interpreti, u kull min hu interessat fis-suġġett.

It-termini, uħud sempliċi bħal *taxxa* u oħrajn kumplessi bħal *taxxa fuq il-valur miżjud*, jingħataw bil-Malti u bl-Ingliż fl-ewwel taqsima, u bl-Ingliż u bil-Malti fit-tieni taqsima. Għal kull terminu tingħata definizzjoni qasira bil-Malti fl-ewwel taqsima.

F'dan id-dizzjunarju nsibu kemm kliem u espressjonijiet li jintużaw fit-taħdit komuni, bħal *investiment*, *għoli tal-ħajja* u *kera*, kif ukoll termini speċjalizzati, bħal *makroekonomija*, *prezz predatorju* u *munita konvertibbli*. Bħal f'reġistri oħrajn, fl-ekonomija jintużaw termini li jkollhom tifsira speċifika, u li f'kuntest ġenerali jkunu jfissru ħaġa oħra: kliem bħal *borża*, *sehem* u *suq* jiksbu sens differenti fil-lingwaġġ ekonomiku. Terġa', xi termini ġieli jintużaw b'modi differenti fil-fergħat varji tal-ekonomija stess. Ngħidu aħna, meta jintuża b'rabta mal-finanzi tal-gvern, *defiċit* ifisser id-differenza bejn id-dħul u l-ħruġ tal-finanzi, filwaqt li meta jintuża fil-kuntest tal-ekonomija internazzjonali b'rabta mal-bilanċ tal-pagamenti, l-istess terminu jirreferi għad-differenza bejn l-importazzjoni u l-esportazzjoni. Dan id-dizzjunarju, dettalji bħal dawn jindikahom fejn ikun meħtieġ. F'din il-ġabra nsibu wkoll termini, bħal *monetariżmu*, *telexogħol* u *iperinflazzjoni*, li jirriflettu żviluppi riċenti f'din id-dixxiplina.

Nixtiequ nroddu ħajr lil numru ta' kollegi li għenuna f'xi fażi jew oħra tal-proġett: il-Prof. Manwel Mifsud, Dr Olvin Vella, is-Sur Karl Scicluna u s-Sur Lawrence Deguara għall-pariri lingwistiċi, u lil Dr Marie Briguglio, Dr John Consiglio u Dr Daniel Gravino għas-suġġerimenti siewja tagħhom fuq xi termini u definizzjonijiet. Din il-pubblikazzjoni saret bl-appoġġ finanzjarju tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti u tad-Dipartiment tal-Malti, b'mod partikolari permezz tal-proġetti MALRP04 *Ġabra Terminoloġika* u MALRP08 *Dizzjunarji tal-Malti*, iffinanzjati mir-Research Seed Fund tal-Università ta' Malta. It-termini qegħdin ukoll fil-portal tar-riċerka tad-Dipartiment tal-Malti www.malti.mt.

**Michael Spagnol, Thomas Pace, Dwayne Ellul**
Edituri

# L-iżvilupp tal-Malti f'oqsma ġodda

Is-saħħa tal-lingwa qiegħda fil-kelliema tagħha. Jekk il-kelliema jridu l-Malti dan juruh tabilħaqq meta jħaddmuh. Xi wħud iħossu li jkollhom bilfors joqogħdu lura meta d-diskors tagħhom idur fuq suġġetti tekniċi għax jifhmu li l-lingwa tagħhom ma żviluppatx ir-reġistru tekniku meħtieġ.

Mod kif inkejlu l-investiment li jkun qed isir fil-lingwi huwa sewwasew l-iżvilupp tat-terminoloġija. Min jirsisti li juża l-Malti f'oqsma tekniċi bħall-ekonomija bilfors se jiġi bżonn terminoloġija adattata, li ftit minnha aktarx inkunu midħla tagħha imma, f'għadd kbir ta' drabi oħra, ikollna bżonn noħolquha.

L-isforz li niżviluppaw terminoloġija ġdida huwa apprezzat minn kull min hu interessat jara l-lingwa applikata f'oqsma ġodda. Fil-każ ta' din il-ġabra, il-Kunsill tal-Malti huwa sodisfatt li l-awtur huwa akkademiku li jgawdi awtorevolezza kbira lokalment, u kien il-pjaċir tal-Kunsill li jara lill-Prof. Briguglio jikkonsulta tim ta' speċjalisti oħra mill-qasam tal-ekonomija u tal-lingwa biex jiżviluppa t-terminoloġija ta' dan il-qasam li kulma jmur qed isir dejjem aktar meħtieġ.

Aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar ir-rapporti fuq is-sitwazzjoni ekonomika u r-referenzi għall-ekonomija fl-aħbarijiet qed joktru u, bis-saħħa ta' dan il-proġett, l-awturi u l-kelliema Maltin għandhom xogħol ta' referenza li, nawguraw, isibuh utli.

**Olvin Vella**
President
Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti

# Investiment fil-lingwa tagħna

L-istudju tal-ekonomija huwa suġġett li ma jistax jieqaf jiżviluppa. Sa minn żmien Adam Smith, meqjus bħala missier l-ekonomija moderna, din id-dixxiplina għadha ma waqfitx tevolvi bil-ħolqien ta' kunċetti ġodda minħabba żviluppi fl-isferi politiċi, soċjali u finanzjarji fuq livelli globali, reġjonali u nazzjonali.

Huwa ta' pjaċir li qed nara, għall-ewwel darba, pubblikazzjoni bil-Malti li tagħti sens u definizzjoni lil firxa wiesgħa ta' termini li daħlu fi lsienna tul dawn l-aħħar snin u saru parti mil-lingwa franka li nużaw kuljum fil-qasam ekonomiku. Dan id-dizzjunarju huwa r-riżultat tal-ħidma li, f'termini ekonomiċi, nistgħu nqisuha bħala investiment fil-Malti biex nassiguraw li jibqa' rilevanti kemm f'kitbiet uffiċjali kif ukoll f'pubblikazzjonijiet oħra. B'dan id-dizzjunarju nixtiequ nsaħħu mhux biss it-tagħlim tal-ekonomija imma anke l-għarfien ġenerali f'pajjiżna ta' kunċetti ekonomiċi.

Issa għandna riżorsa ġdida li tgħin lill-istudjużi, lill-istudenti, lit-tradutturi, lill-ġurnalisti u lil kull min iħaddem il-vokabolarju bil-Malti f'dan il-qasam tant ċentrali fl-isferi politiċi u soċjali. Dan id-dizzjunarju jkopri t-termini li jintużaw f'varjetà sħiħa ta' aspetti: mit-teorija tal-ekonomija sal-politika ekonomika, il-mikroekonomija u l-makroekonomija applikati, l-ekonomija tax-xogħol, il-finanzi pubbliċi u l-ekonomija monetarja u, saħansitra, termini marbutin mal-ekonomija ambjentali.

Għalhekk inrodd ħajr lill-awtur u lill-kollaboraturi li ħadmu qatigħ biex jitwettaq proġett ieħor li jsaħħaħ ilsien pajjiżna.

**Emanuel Said**
Dekan
Il-Fakultà tal-Ekonomija, l-Immaniġġjar u l-Kontabilità

# Ħarsa ħafifa lejn l-istorja tal-ekonomija

Dan id-dizzjunarju, li hu maħsub l-aktar għal dawk li jixtiequ jiktbu rapporti, artikli jew kitbiet oħra bil-Malti fuq l-ekonomija, jista' jservi wkoll bħala introduzzjoni konċiża għall-istudju tal-ekonomija. Sabiex il-qarrejja jkollhom ħjiel ta' kif żviluppat din id-dixxiplina u tal-kuntest ta' xi termini użati fid-dizzjunarju, jixraq nagħmlu xi osservazzjonijiet fuq l-istorja tal-ekonomija.

Għalkemm l-ekonomija, bħala kunċett, oriġinat fi żminijiet antiki – saħansitra l-kelma nnifisha ġejja mill-Grieg Antik – huwa l-ħassieb Skoċċiż Adam Smith (1723-1790) l-aktar ekonomista klassiku magħruf u meqjus bħala l-missier ta' din id-dixxiplina. Smith argumenta – x'aktarx ispirat mill-ħassieba ta' qablu – li l-mekkaniżmu tas-suq jirregola ruħu waħdu u jimplika li l-intervent tal-gvern għandu jkun minimu. Fit-tieni nofs tas-seklu tmintax, Smith ippubblika l-istudju tiegħu *The Wealth of Nations* u sostna li l-interess personali tal-bniedem iwassal għall-prosperità ta' kulħadd permezz tal-forzi tas-suq li Smith sejħilhom "l-id inviżibbli".

Ix-xjenza tal-ekonomija kompliet tiżviluppa u ngħatat importanza lill-kunċett tal-iskarsezza, b'referenza għall-paradoss li l-ilma – li huwa essenzjali – ikun irħas minn djamant, li mhuwiex daqshekk essenzjali. Dan imbagħad wassal għat-teorija tal-prezzijiet kif nafuha llum. Dan l-iżvilupp teoretiku wassal ukoll għall-interpretazzjoni matematika tal-ekonomija permezz ta' mudelli: żvilupp assoċjat mal-Franċiż Léon Walras (1834-1910) u l-Ingliż Alfred Marshall (1842-1924), fost oħrajn, li jissejħu ekonomisti neoklassiċi.

Waqt id-Dipressjoni l-Kbira tat-tletinijiet u warajha, John Maynard Keynes (1883-1946) argumenta li d-dipendenza fuq is-suq bħala regolatur tal-ekonomija tista' twassal għal sitwazzjoni ta' ekwilibriju fejn ikun hemm riċessjoni u qgħad kbir. Il-messaġġ ewlieni ta' Keynes kien li l-gvernijiet jista' jkollhom irwol ewlieni fl-immaniġġjar tal-ekonomija, bis-saħħa tal-politika fiskali, biex pajjiż jeħles minn riċessjoni u minn rata għolja ta' qgħad. B'hekk twieldet it-teorija makroekonomika Keynesjana. Fil-ħamsinijiet u wara bdew jiġu ppubblikati kotba li jispjegaw din il-fergħa tal-ekonomija bbażata l-aktar fuq it-teorija ta' Keynes.

Fl-universitajiet madwar id-dinja dawn iż-żewġ fergħat tal-ekonomija bdew iservu ta' sisien għall-korsijiet tal-ekonomija: il-mikroekonomija neoklassika, mibnija fuq it-teorija tal-prezz, u l-makroekonomija mibnija l-aktar fuq il-ħsieb ta' Keynes.

Fis-sittinijiet u s-sebgħinijiet qamet kontroversja bejn l-ekonomisti. Fil-kitba tagħhom, xi ekonomisti enfasizzaw il-benefiċċji tas-suq ħieles u assoċjaw it-teorija ta' Keynes ma' żvantaġġi bħall-inflazzjoni u l-instabbiltà, filwaqt li ekonomisti oħra argumentaw favur l-intervent tal-gvern biex tkun evitata riċessjoni u jonqos il-qgħad. Dawk li kkritikaw lil Keynes – ewlieni fosthom Milton Friedman (1912-2006) – sostnew li t-teorija ta' Keynes, mibnija fuq l-infiq, kienet se twassal għal inflazzjoni qawwija. Dan it-tbassir seħħ tassew fis-sebgħinijiet, meta l-inflazzjoni laħqet livelli allarmanti fl-istess waqt li t-tkabbir ekonomiku dinji kien kajman. Dan wassal biex sal-1980 l-ekonomija ta' Keynes ġiet skreditata minn ħafna ekonomisti li argumentaw bil-qawwa kontra l-indħil tal-gvern fis-suq. L-ideat li ħarġu mill-Washington Consensus, ibbażati fuq prinċipji neoliberali marbuta mas-suq ħieles, iddominaw id-diskors ekonomiku sal-2008, mal-kriżi finanzjarja u r-riċessjoni dinjija. Minħabba f'hekk, id-difetti tas-suq ħieles, speċjalment il-possibbiltà ta' abbuż fis-suq finanzjarju, daħlu mill-ġdid fid-diskors ekonomiku.

Wara l-2008, it-teorija ta' Keynes esperjenzat qawmien mill-ġdid, b'argumenti favur il-politika fiskali u r-rwol regolatorju tal-gvern. L-ekonomisti prominenti bdew jargumentaw favur il-ħtieġa ta' stimulu fiskali tat-tip li kien issuġġerixxa Keynes. Intużat ukoll il-politika monetarja billi tbaxxew ir-rati tal-imgħax bl-għan li tiżdied l-attività ekonomika, imma din il-politika laħqet il-limitu tagħha meta l-imgħaxijiet niżlu żero u saru saħansitra negattivi. Din ir-realtà sostniet l-argument favur l-istimulu fiskali, li kompla jissaħħaħ fl-2020 meta faqqgħet il-pandemija tal-COVID-19.

Għalhekk, matul is-snin, fl-istudju tal-ekonomija kien hemm argumenti favur u kontra kemm is-swieq ħielsa u kemm l-intervent tal-gvern. Bħal f'dixxiplini oħra, insibu fundamentalisti li jaraw l-iswed jew l-abjad biss, u oħrajn moderati li jaraw diversi sfumaturi tal-griż, jew għax ikunu nies pragmatiċi inkella għax ikunu indeċiżi. Ħafna drabi l-opinjonijiet dwar it-teoriji u l-applikazzjoni tagħhom jinbidlu mar-realtajiet tal-ħajja. Hekk ġara fil-każ tat-teorija ekonomika, meta fis-sebgħinijiet l-inflazzjoni rampanti wasslet biex jintefa' dell ikrah fuq it-teorija ta' Keynes u tqiesu li kellhom raġun dawk li sostnew li l-istimuli fiskali jġibu magħhom inflazzjoni bla rażan. Min-naħa l-oħra, bejn l-2020 u l-2021, il-pandemija tal-COVID-19 wasslet biex ikun ġustifikat stimulu fiskali qawwi li, skont it-teorija ta' Keynes, għandu jkattar l-attività ekonomika bħallikieku l-inflazzjoni mhux ta' min jinkwieta fuqha.

**Lino Briguglio**

# L-Ewwel Taqsima

## Malti - Ingliż

## apprezzament
### appreciation

Fil-kuntest tal-ekonomija internazzjonali: iż-żieda fil-valur jew prezz tal-munita li tintuża f'pajjiż partikolari meta mqabbla ma' muniti ta' pajjiżi oħra. It-terminu jintuża wkoll f'kuntesti oħra, ngħidu aħna meta jogħla l-valur ta' xi propjetà.

▶ **deprezzament**

## ass
### asset

Riżorsa b'valur ekonomiku li min jakkwistaha jistenna li trendilu fil-futur. Pereżempju minn investiment f'impjant, wieħed jistenna li jikseb profitt; minn kont tal-bank jew bond jistenna li jikseb imgħax; u minn akkwist tal-ishma jistenna li jirċievi dividend. Ċerti assi, bħal xi dar jew karozza, għandhom ukoll użu personali. Dawn l-assi jistgħu japprezzaw jew jiddeprezzaw.

▶ **apprezzament**; **deprezzament**

## assi kapitali
### capital assets

Propjetà bħal bini, magni, vetturi, u oġġetti prezzjużi. Fil-każ ta' impriża, dawn l-assi jissejħu "assi fissi" konnessi l-aktar mal-impjant, u ma jkunux intenzjonati bħala prodotti għall-bejgħ mill-istess impriża.

## assi likwidi
### liquid assets

Assi finanzjarji f'għamla ta' flus kontanti, jew li jistgħu jissarrfu malajr fi flus kontanti, biex jintużaw għax-xiri jew tranżazzjonijiet simili.

## azzjonist/a
### shareholder

Persuna, kumpanija jew istituzzjoni li jkollha sehem wieħed jew aktar mill-ishma ta' kumpanija. Azzjonist, bħala investitur, huwa parzjalment propjetarju ta' kumpanija, skont il-kwantità ta' ishma li jkollu, u jmur tajjeb jekk il-kumpanija tagħmel il-qligħ u tqassam parti minnu fil-forma ta' dividend.

## bank ċentrali
### central bank

Istituzzjoni finanzjarja statali li tamministra l-munita u l-politika monetarja tal-pajjiż, tirregola l-banek kummerċjali u tieħu sehem f'operazzjonijiet tas-suq finanzjarju. Spiss tiffunzjona wkoll bħala detentriċi tal-kontijiet bankarji u bħala sors ta' pariri u riċerka ekonomika għall-gvern. Meta fl-2004 Malta ssieħbet fl-Unjoni Ewropea, il-Bank Ċentrali ta' Malta sar parti integrali mis-sistema tal-Banek Ċentrali Ewropej, u għalhekk iħaddem il-politika monetarja Ewropea f'Malta.

## Bank Dinji
### World Bank

Istituzzjoni li l-iskop ewlieni tagħha hu li tipprovdi għajnuna finanzjarja (self u għotjiet) lill-gvernijiet ta' pajjiżi qed jiżviluppaw, l-aktar biex jonqos il-faqar.

## bank kummerċjali
### commercial bank

Istituzzjoni finanzjarja li, fost attivitajiet oħra, iżżomm depożiti tal-flus f'kontijiet kurrenti u kontijiet fissi, u tagħti l-imgħax lid-depożitatur (skont l-ammont ta' flus depożitati u l-kont fejn isir id-depożitu). Imbagħad din l-istituzzjoni tiġġenera l-qligħ għaliha billi ssellef il-parti l-kbira tal-flus depożitati lil impriżi u lil individwi b'rata tal-imgħax ogħla minn dik li l-bank jagħti lid-depożitaturi.

## bejgħ bl-imnut
### retail trade

Bejgħ fi kwantitajiet żgħar li normalment isir mill-ħwienet lill-konsumaturi.

▶ **bejgħ bl-ingrossa**

## bejgħ bl-ingrossa
### wholesale

Bejgħ fi kwantitajiet kbar li normalment isir mill-imħażen lill-ħwienet li jbigħu bl-imnut.

▶ **bejgħ bl-imnut**

## benefiċċji tal-kummerċ internazzjonali
### gains from trade

Fil-kuntest tat-teorija tal-kummerċ internazzjonali: benefiċċji li jitgawdew mill-konsumaturi għax jiffrankaw li jħallsu t-tariffi meta jkun hemm suq ħieles. Benefiċċju ieħor hu li tiżdied il-produttività minħabba l-kompetizzjoni li ġġib magħha l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ.

## bilanċ fiskali
### fiscal balance

Bilanċ bejn in-nefqa u l-introjtu tal-gvern.

## bilanċ tal-kummerċ
### balance of trade

Fil-kuntest tal-ekonomija internazzjonali: id-differenza bejn l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' pajjiż. Ġeneralment dan it-terminu jirreferi għall-kummerċ tal-merkanzija. Meta l-bilanċ ikopri merkanzija u servizzi flimkien, jintuża t-terminu "bilanċ tar-riżorsi".

## bilanċ tal-pagamenti
## balance of payments
Fil-kuntest tal-ekonomija internazzjonali: it-tranżazzjonijiet ekonomiċi bejn pajjiż partikolari u l-bqija tad-dinja. Il-bilanċ tal-pagamenti jista' jinqasam fi tliet partijiet: il-kont kurrenti, il-kont kapitali u l-finanzjament uffiċjali.

## bilanċ tar-riżorsi
## resource balance
Parti mill-bilanċ tal-pagamenti li tkopri d-differenza bejn l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' oġġetti u servizzi meħudin flimkien.

## bond
## bond
Strument finanzjarju użat mill-gvern jew minn impriża biex jissellfu kwantità ta' flus għal perjodu stipulat, b'rata tal-imgħax fissa. Meta l-bond jimmatura, jiġifieri jagħlaq il-perjodu stipulat, min ikun issellef irid irodd il-flus lis-sellief.

## borża/suq tal-ishma
## stock exchange
Fil-kuntest tas-suq finanzjarju: istituzzjoni fejn jinbiegħu u jinxtraw l-ishma u strumenti finanzjarji oħra.

## ċaqliq tal-kurva
### shift of the curve
Fit-teorija tal-ekonomija: f'dijagramma li turi kurva b'relazzjoni bejn żewġ varjabbli X u Y, bidla f'X, li twassal għal bidla f'Y, tintwera b'moviment fuq l-istess kurva. Iżda, jekk ikun hemm varjabbli ieħor (Z), minbarra X, li jaffettwa lil Y, l-effett ta' bidla f'Z jintwera fid-dijagramma permezz ta' ċaqliq tal-kurva 'l ġewwa jew 'il barra, skont jekk Z ikollux impatt negattiv jew pożittiv fuq Y.

▶ **moviment fil-kurva**

## ċekk
### cheque
Dokument iffirmat minn min iħallas biex jordna lill-bank/kumpanija tgħaddi s-somma flus indikata fl-istess dokument. Id-dokument jindika wkoll il-kont bankarju minn fejn ikunu se joħorġu l-flus.

## ċensiment tal-popolazzjoni
### population census
Proċess ta' ġbir, kumpilazzjoni u pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar id-daqs tal-popolazzjoni u dwar fatturi demografiċi, soċjali u ekonomiċi tal-persuni kollha f'pajjiż jew reġjun.

## ċiklu tal-kummerċ
### business cycle
Tnaqqis u żieda fl-attività ekonomika, ġeneralment imkejla biċ-ċaqliq tal-prodott domestiku gross, fuq medda ta' żmien relattivament qasir (eż. ħames snin).

▶ **riċessjoni**; **dipressjoni**; **quċċata**; **qiegħ**; **rkupru**

## ċirkolazzjoni tal-qligħ
### circular flow of income
Meta parti mill-qligħ fil-pajjiż tintefaq biex jinxtraw il-prodotti, u dan jiġġenera qligħ għall-produtturi u l-ħaddiema tagħhom. Dawn jerġgħu jixtru aktar prodotti, u b'hekk jiġġeneraw aktar qligħ, u l-proċess ċirkolatorju jkompli.

## deficit
### deficit
Nefqa li tkun akbar mid-dħul.

## defiċit/eċċess fil-kont kurrenti
### current account deficit/surplus
Bilanċ negattiv/pożittiv fil-kont kurrenti, jiġifieri d-dħul f'dan il-kont ikun inqas/akbar mill-ħruġ mill-istess kont.

## deflatur
### deflator
Indiċi li jkejjel l-effett ta' bidla fil-prezzijiet b'rabta ma' bidla ekonomika. Ngħidu aħna, id-deflatur ta' bidla fil-valur kurrenti tal-prodott domestiku gross (PDG) jintuża biex titkejjel din il-bidla bħallikieku l-prezzijiet ma nbidlux minn sena bażi – fi kliem ieħor, biex bidla fil-PDG nominali (bi prezzijiet kurrenti) tissarraf f'bidla fil-PDG reali (bi prezzijiet kostanti).

## deflazzjoni
### deflation
Tnaqqis fil-prezzijiet ġenerali; l-oppost ta' inflazzjoni.

▸ **inflazzjoni**

## dejn
### debt/indebtedness
Ammont ta' flus li persuna jew entità jkollha tagħti lil oħra.

## densità tal-popolazzjoni
### population density
Numru ta' persuni li jgħixu f'żona partikolari għal kull kilometru kwadru. Dan it-terminu jista' jkun applikat ukoll għal popolazzjoni ta' annimali jew pjanti.

## depożitu ta' domanda
### demand deposit
Flus depożitati f'kont bankarju li jkunu jistgħu jinġibdu meta jridu d-depożitanti, mingħajr avviż minn qabel, bħalma hu l-każ ta' kont kurrenti.

## deprezzament
### depreciation
Fil-kuntest tal-kontabilità: tnaqqis fil-valur tal-assi (ngħidu aħna xi impjant) l-aktar meta jkunu ilhom żmien jintużaw.

Fil-kuntest tal-ekonomija internazzjonali: it-tnaqqis fil-valur tal-munita ta' pajjiż, imqabbel mal-valur tal-munita ta' pajjiżi oħra, minħabba ċaqliq fis-suq tal-kambju.

▸ **apprezzament**

## deterjorazzjoni/titjib fit-termini tal-kummerċ
### deterioration/improvement in the terms of trade
Fil-kuntest tal-ekonomija internazzjonali: meta ż-żieda/it-tnaqqis fil-prezz tal-importazzjoni jkun akbar miż-żieda fil-prezz tal-esportazzjoni fi żmien stipulat.

## devjazzjoni tal-kummerċ
### trade diversion

Fil-kuntest tal-ekonomija internazzjonali: l-iżvantaġġ assoċjat ma' ftehim għal kummerċ ħieles jew ma' għaqda doganali. Dan jiġri għax pajjiż mhux membru tal-għaqda jkun imġiegħel iħallas it-tariffa esterna komuni biex ibigħ prodott tiegħu lill-pajjiżi membri tal-għaqda. B'hekk, oġġett prodott minn pajjiż mhux membru tal-għaqda jista' ma jibqax kompetittiv għax mal-prezz tiegħu tiżdied tariffa. Fi kliem ieħor, il-kummerċ ikun iddevjat minn fornitur barra mill-għaqda lejn fornitur membru tal-għaqda, anke meta dan tal-aħħar ikun inqas effiċjenti minn tal-ewwel.

## dħul liberu fis-suq
### freedom of entry in the market

Meta impriża tkun ħielsa li tidħol fis-suq biex tbigħ il-prodotti. Ħafna drabi jkun hemm ostakli għad-dħul fis-suq minħabba permessi burokratiċi, rekwiżiti kapitali u projbizzjonijiet legali.

▸ **ostakli għad-dħul fis-suq**

## dħul marġinali
### marginal revenue

Fit-teorija mikroekonomika: bidla fid-dħul mill-bejgħ tal-prodott imqabbla maż-żieda fil-produzzjoni.

## dħul totali
### total revenue

Fil-kuntest mikroekonomiku: l-introjtu kollu ta' ditta mill-bejgħ tal-prodotti tagħha fi żmien speċifiku.

## dħul/introjtu
### revenue

Ammont ta' flus li jirċievi xi ħadd.

## dipressjoni ekonomika
### economic depression

It-tnaqqis sostnut u fit-tul fl-attività ekonomika ta' xi pajjiż jew grupp ta' pajjiżi. Dan ikun tnaqqis aktar sever minn riċessjoni.

▸ **riċessjoni**

## diskrepanza fil-ħiliet
### skill mismatches

Diskrepanza bejn il-ħiliet tal-ħaddiema u d-domanda għall-ħaddiema f'impjiegi partikolari. Ngħidu aħna, jista' jkun hemm talba għal ħaddiema b'ħiliet fit-teknoloġija elettronika waqt li dawk li qed ifittxu impjieg ma jkollhomx ħiliet bħal dawn.

## diskriminazzjoni fil-prezz
### price discrimination

Il-bejgħ ta' prodott partikolari bi prezz differenti lil xerrejja differenti biex jiżdied il-profitt.

## distribuzzjoni tal-qligħ
### income distribution

Il-mod kif il-qligħ iġġenerat f'soċjetà jitqassam bejn individwi u familji.

▸ **distribuzzjoni tal-qligħ ekwitabbli**; **distribuzzjoni tal-qligħ żbilanċjata**

## distribuzzjoni tal-qligħ ekwitabbli
### even distribution of income
Meta l-qligħ iġġenerat f'soċjetà jitqassam indaqs bejn individwi jew familji.

## distribuzzjoni tal-qligħ żbilanċjata
### uneven distribution of income
Sitwazzjoni fejn parti żgħira tal-popolazzjoni jkollha qligħ għoli u parti kbira jkollha qligħ baxx.

## diversifikazzjoni ekonomika
### economic diversification
Strateġija li jadotta pajjiż biex inaqqas ir-riskju li jista' jkun hemm minħabba dipendenza żejda fuq ftit industriji jew fuq ftit swieq.

## diversifikazzjoni tal-assi
### asset diversification
Strateġija bl-għan li jitnaqqas ir-riskju ta' investiment finanzjarju billi jinfirex fuq diversi assi.

## dividend
### dividend
Id-distribuzzjoni tal-profitt nett ta' kumpanija, jew parti minnu, lill-azzjonisti tal-kumpanija, skont deċiżjoni tal-bord tad-diretturi tal-kumpanija.

## dixxiplina fiskali
### fiscal discipline
Politika fiskali bl-għan li jinħoloq bilanċ bejn l-introjtu u n-nefqa tal-gvern, ġeneralment bl-iskop li ma jkunx hemm żieda fid-dejn pubbliku.

## diżekonomiji ta' skala
### diseconomies of scale
Fil-kuntest mikroekonomiku: meta żieda fil-kwantità tal-produzzjoni progressivament twassal għal żieda fl-ispejjeż tal-produzzjoni fuq kull prodott.

▸ **rendiment ta' skala li jonqos**

## dment li kull ħaġa oħra tibqa' l-istess
### everything else remaining equal (ceteris paribus)
Suppożizzjoni u kundizzjoni li tintuża ta' spiss fit-teorija ekonomika ħalli l-argumenti ekonomiċi jkunu kemm jista' jkun ibbażati fuq il-metodu xjentifiku. Ngħidu aħna, skont il-liġi tad-domanda, nistennew li d-domanda għal prodott partikolari tonqos jekk jogħla l-prezz tal-istess prodott, dment li kull ħaġa oħra li teffettwa d-domanda (pereżempju l-qligħ tax-xerrej) tibqa' l-istess. Fir-realtà, id-domanda għal dak il-prodott tista' tiżdied flok tonqos, meta jogħla l-prezz, jekk fl-istess ħin jiżdied il-qligħ tax-xerrej. Huwa għalhekk li l-liġi tad-domanda tapplika jekk kull ħaġa oħra, minbarra l-prezz, tibqa' l-istess.

## domanda
### demand
Ir-rieda ta' individwu jew grupp ta' individwi li jixtru jew jikru xi oġġett jew servizz u li jħallsu għalih.

## domanda aggregata
### aggregate demand
Id-domanda totali għal oġġetti u servizzi li jkunu għall-bejgħ fil-pajjiż kollu.

## domanda derivata
### derived demand
Domanda għal oġġett jew servizz minħabba żieda fix-xiri ta' prodott jew servizz ieħor. Pereżempju, id-domanda għall-ħobż toħloq ix-xogħol għall-ħaddiema tal-fran. F'dan il-każ id-domanda għall-ħaddiema tal-fran tkun domanda derivata.

## domanda għall-flus
### demand for money
Ġeneralment din tirreferi għal domanda marbuta ma' assi finanzjarji f'għamla ta' flus kontanti u depożiti f'kontijiet li minnhom id-depożitaturi jkunu jistgħu jiġbdu l-flus xħin iridu.

## domanda għall-flus bħala assi
### asset demand for money
Flus miżmuma bħala assi, u mhux biex jinxtraw prodotti bihom. X'aktarx li meta jogħlew l-imgħaxijiet, id-domanda għall-flus bħala assi tonqos, u meta l-imgħaxijiet jaqgħu, id-domanda għalihom tiżdied.

## domanda għall-flus għax-xiri
### transactions demand for money
Flus miżmuma speċifikament għax-xiri ta' oġġetti u servizzi.

## domanda inelastika
### inelastic demand
Fil-kuntest ta' prezz: il-bidla fil-persentaġġ tad-domanda għal prodott li tkun inqas mill-bidla fil-persentaġġ tal-prezz tal-istess prodott.

Fil-kuntest ta' qligħ: il-bidla fil-persentaġġ tad-domanda għal prodott li tkun inqas mill-bidla fil-persentaġġ tal-qligħ tax-xerrejja.

## domanda perfettament elastika
### perfectly elastic demand
Sitwazzjoni teoretika fejn id-domanda għal oġġett tinbidel b'mod infinit anki meta l-prezz tal-istess oġġett ma jinbidilx.

## domanda perfettament inelastika
### perfectly inelastic demand
Sitwazzjoni teoretika fejn id-domanda għal oġġett ma tinbidilx meta jinbidel il-prezz tal-istess oġġett.

## domanda spekulattiva għall-flus
### speculative demand for money
Sitwazzjoni li fiha ħafna flus jinżammu fi stat likwidu jekk ir-rata tal-imgħax tkun mistennija titla' fil-futur.

## dominanza tas-suq
### market dominance
Is-saħħa li ditta jkollha f'suq partikolari, ġeneralment imkejla bil-persentaġġ tal-bejgħ li d-ditta jkollha f'dak is-suq.

## eċċess
### surplus
Dħul li jkun akbar min-nefqa.

## eċċess favur il-konsumatur
### consumer surplus
Benefiċċju li jgawdu l-konsumaturi meta jonqos il-prezz ta' prodott. Dan jirrifletti d-differenza bejn il-prezz li fil-fatt iħallsu l-konsumaturi għal prodott u l-prezz li jkunu lesti jħallsu għall-istess prodott minflok jibqgħu mingħajru.

## effett ta' sostituzzjoni
### substitution effect
Tnaqqis jew żieda fid-domanda għal prodott minħabba li jkun raħas jew għola l-prezz ta' prodott sostitut.

## effett tal-qligħ
### income effect
Fit-teorija mikroekonomika: bidla fid-domanda għal prodott li tinħoloq minħabba bidla fil-qligħ tax-xerrejja. Fil-każ ta' oġġett normali dan l-effett ikun pożittiv, jiġifieri meta jiżdied il-qligħ, tiżdied id-domanda għall-prodott; u fil-każ ta' oġġett inferjuri dan l-effett ikun negattiv, fis-sens li meta jiżdied il-qligħ, tonqos id-domanda għall-prodott.

## effetti esterni
### externalities
Meta attività ta' impriża jew persuna jkollha impatt 'il barra mill-istess impriża jew persuna. Dan l-effett jista' jkun negattiv, bħal meta t-tniġġis ta' fabbrika jaffettwa s-saħħa tan-nies, jew pożittiv, bħal meta l-edukazzjoni ta' persuna jkollha effett tajjeb fuq is-soċjetà.

## ekonomija (sistema)
### economy
Sistema ta' produzzjoni u kummerċ f'pajjiż jew fi grupp ta' pajjiżi. Id-daqs tal-ekonomija ta' pajjiż partikolari ġeneralment jitkejjel bil-prodott domestiku gross. Meta d-daqs tal-ekonomija ta' pajjiż jitqabbel ma' ta' pajjiżi oħra, il-prodott domestiku gross jitkejjel b'munita komuni, bħad-dollaru Amerikan.

## ekonomija (xjenza soċjali)
### economics
Analiżi tal-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-konsum ta' oġġetti u servizzi. It-taqsimiet ewlenin ta' din l-analiżi huma l-mikroekonomija u l-makroekonomija. Fost il-fergħat ta' dawn it-taqsimiet ewlenin hemm l-ekonomija ambjentali, l-ekonomija internazzjonali, l-ekonomija tal-imġiba, u l-ekonomija tax-xogħol.

## ekonomija ambjentali
### environmental economics
Fergħa ta' studju tal-ekonomija dwar kwistjonijiet ambjentali, fosthom il-falliment tas-suq fil-każ tar-riżorsi ambjentali, l-effetti esterni tat-tniġġis tal-arja, l-immaniġġjar tal-iskart, u t-tibdil fil-klima.

## ekonomija industrijali
### industrial economics
Fergħa ta' studju tal-ekonomija li tibni l-aktar fuq il-mikroekonomija u tirrigwarda deċiżjonijiet tal-impriża meta jkun hemm kumplikazzjonijiet fl-andament tas-suq, ngħidu aħna informazzjoni limitata jew asimetrika, spejjeż ta' tranżazzjoni, kuntratti u ostakli għall-kompetizzjoni.

## ekonomija internazzjonali
### international economics
Fergħa ta' studju tal-ekonomija li tittratta suġġetti marbuta mal-interdipendenza ekonomika bejn pajjiżi differenti, inklużi l-esportazzjoni u l-importazzjoni u l-movimenti tal-assi finanzjarji bejn il-pajjiżi.

## ekonomija mħallta
### mixed economy
Sistema b'taħlit ta' karatteristiċi tal-kapitaliżmu u tas-soċjaliżmu. Għalhekk f'din is-sistema l-propjetà privata tkun protetta u l-operazzjoni tas-suq ħieles tkun permessa, iżda jkun hemm interventi mill-gvern f'attivitajiet ekonomiċi għal skopijiet soċjali.

## ekonomija mistura
### underground economy
Tranżazzjonijiet ekonomiċi li ma jiġux irrappurtati, ħafna drabi biex tkun evitata t-taxxa.

## ekonomija monetarja
### monetary economics
Fergħa ta' studju tal-ekonomija marbuta mal-politika monetarja u l-istituzzjonijiet finanzjarji, inklużi l-bank ċentrali u l-banek kummerċjali.

## ekonomija neoklassika
### neoclassical economics
Teorija li tqis li l-prezz tal-prodotti jiddetermina d-domanda u l-provvista, u li l-atturi ekonomiċi f'dan il-kuntest jieħdu deċiżjonijiet biex jimmassimizzaw is-sodisfazzjon, jew l-utilità, tagħhom.

## ekonomija tal-imġiba
### behavioural economics
Fergħa ta' studju tal-ekonomija dwar il-limiti tar-razzjonalità fid-deċiżjonijiet ta' individwi u istituzzjonijiet, u kif dawn id-deċiżjonijiet jintlaqtu minn fatturi psikoloġiċi, emozzjonali, kulturali u soċjali. Dan il-qasam ta' studju mhux ibbażat fuq imġiba purament razzjonali kif tassumi t-teorija ekonomika klassika.

## ekonomija tax-xogħol
### labour economics
Fergħa ta' studju tal-ekonomija li tirrigwarda d-domanda u l-provvista tal-ħaddiema, u kif dawn jaffettwaw u jkunu affettwati mill-paga. Din il-fergħa ta' studju tittratta wkoll suġġetti marbutin mal-għaqdiet tal-ħaddiema, il-qgħad, u l-kapital uman.

## ekonomiji ta' skala
### economies of scale
Fil-kuntest mikroekonomiku: meta żieda fil-kwantità tal-produzzjoni progressivament twassal għal tnaqqis fl-ispejjeż tal-produzzjoni fuq kull prodott.

▸ **rendiment ta' skala li jiżdied**

## ekonomist/a
## economist
Persuna li tistudja, tiżviluppa u tapplika teoriji ekonomiċi u/jew permezz ta' metodi analitiċi, tikteb, tgħallem u/jew tagħti pariri dwar dawn it-teoriji u l-applikazzjoni tagħhom.

## ekwilibriju
## equilibrium
Sitwazzjoni ta' bilanċ bejn forzi opposti fl-ekonomija. Dan it-terminu jintuża meta d-domanda u l-provvista ta' prodott partikolari jkunu ndaqs u, skont it-teorija ekonomika, dan il-bilanċ iwassal biex jistabbilizza l-prezz tal-istess prodott. Skont l-istess teorija, jekk id-domanda tkun akbar mill-provvista nistennew li l-prezz jogħla, u jekk il-provvista tkun akbar mid-domanda nistennew li l-prezz jitbaxxa; għaldaqstant, il-forzi tas-suq awtomatikament joħolqu ekwilibriju fis-suq. Dan il-proċess japplika għal kull oġġett u servizz li għalihom ikun hemm domanda u provvista.

▸ **skwilibriju**

## elastiċità tad-domanda għall-prezz
## price elasticity of demand/ elasticity of demand with respect to price
Bidla fil-persentaġġ tad-domanda għal prodott minħabba bidla fil-persentaġġ tal-prezz tal-istess prodott.

## elastiċità tad-domanda għall-prezz ta' prodott ieħor
## cross-price elasticity of demand
Bidla fil-persentaġġ tad-domanda għal prodott minħabba bidla fil-persentaġġ tal-prezz ta' prodott ieħor li jista' jkun sostitut jew komplimentari. Ngħidu aħna, fil-każ ta' prodott sostitut, id-domanda għaċ-ċanga tista' togħla jekk jogħla l-prezz tal-majjal; u fil-każ ta' prodott komplimentari, id-domanda għall-karozzi tista' tonqos jekk jogħla l-prezz tal-petrol.

## elastiċità tad-domanda għall-qligħ
## income elasticity of demand
Bidla fil-persentaġġ tad-domanda għal prodott minħabba bidla fil-persentaġġ tal-qligħ tax-xerrejja.

## elastiċità tal-provvista għall-prezz
## price elasticity of supply/ elasticity of supply with respect to price
Bidla fil-persentaġġ tal-provvista ta' prodott minħabba bidla fil-persentaġġ tal-prezz tal-istess prodott.

## elastiċità unitarja tad-domanda għall-prezz
### unitary price elasticity of demand
Meta l-bidla fil-persentaġġ tad-domanda għal prodott tkun daqs il-bidla fil-persentaġġ tal-prezz tal-istess prodott.

## esportazzjoni
### exports
Prodotti u servizzi mibjugħin minn ditti f'pajjiż partikolari lil ditti u individwi li ma jkunux ibbażati jew residenti f'dak il-pajjiż.

## età tax-xogħol
### working age
Età, ġeneralment bejn il-15 u l-64 sena, li fiha persuna tkun meqjusa li x'aktarx trid u kapaċi taħdem. Din l-età tista' tvarja skont il-liġijiet tal-pajjiż.

## evażjoni tat-taxxa
### tax evasion
Attività illegali minn persuna jew entità li ma tħallasx it-taxxa dovuta skont il-liġi.

## evitar tat-taxxa
### tax avoidance
It-teħid ta' vantaġġ minn xi lakuna fil-liġi biex ma titħallasx taxxa minn persuna jew minn entità taxxabbli. Għalhekk l-evitar tat-taxxa mhux attività illegali.

## falliment tas-suq
### market failure
Meta l-forzi tas-suq ma jaħdmux u għalhekk l-allokazzjoni tar-riżorsi ma tkunx skont id-domanda u l-provvista. Dan il-falliment ikun spiss assoċjat ma' oġġett pubbliku bla prezz, jew ma' effetti esterni li ma jkunux inklużi fl-ispiża tal-produzzjoni tal-impriżi.

## faqar assolut
### absolute poverty
Sitwazzjoni fejn id-dħul ta' persuna jew familja jkun inqas mil-livell meħtieġ biex jinxtraw l-oġġetti u s-servizzi bażiċi għall-għajxien (ikel, kenn u lbies).

## faqar relattiv
### relative poverty
Faqar li tbatih persuna jew familja għax ma taqlax flus biżżejjed biex tixtri oġġetti u servizzi bħalma tagħmel il-parti l-kbira tal-popolazzjoni. Id-dħul ta' persuna jew familja relattivament fqira ġieli jitkejjel bħala persentaġġ (eż. 60%) tad-dħul medjan tal-familji f'dak il-pajjiż. Persuna tista' tkun f'sitwazzjoni ta' faqar relattiv imma mhux f'sitwazzjoni ta' faqar assolut.

## fatturi tal-produzzjoni
### factors of production
Terminu li jirreferi għall-art, il-ħaddiema, il-kapital, u l-intraprenditorija li bihom issir il-produzzjoni. Jissejħu wkoll "riżorsi ekonomiċi".

## finanzi pubbliċi
### public finance
Id-dħul u l-ħruġ tal-flus tal-gvern u tal-awtoritajiet pubbliċi. L-istatistika dwar il-finanzi pubbliċi turi wkoll il-bilanċi fiskali negattivi jew pożittivi, u d-dejn tal-istess entitajiet.

## finanzjament uffiċjali
### official financing
Fil-kuntest tal-ekonomija internazzjonali: finanzjament li hu parti mill-bilanċ tal-pagamenti tal-pajjiż. Jekk ikun hemm defiċit fil-kont kurrenti u fil-kont kapitali tal-bilanċ tal-pagamenti magħdudin flimkien, id-differenza titħallas mir-riservi tal-flus barranin tal-bank ċentrali. Jekk ikun hemm eċċess, id-differenza sservi biex jiżdiedu r-riservi tal-bank ċentrali.

## finanzjar tad-defiċit
### deficit financing
Fil-kuntest tal-finanzi tal-gvern: prattika li biha gvern jiġġenera l-fondi biex jiffinanzja d-defiċit meta l-infiq tal-gvern ikun akbar mid-dħul. Il-gvern jista' jagħmel tajjeb għal dan id-defiċit billi, fost l-oħrajn, jissellef mill-pubbliku.

## flus
### money
Mezz li bih isir ħlas u skambju, jinħadmu l-kontijiet u jitkejjel id-dejn. Iservi wkoll bħala oġġett ta' valur.

## flus fiċ-ċirkolazzjoni
### currency in circulation
L-ammont ta' flus maħruġin mill-bank ċentrali.

### flus legali
### fiat money
Karti u muniti li jservu bħala flus bil-liġi, anke meta ma jkollhomx xi komodità, bħad-deheb, li tagħmel tajjeb għalihom.

### Fond Monetarju Internazzjonali
### International Monetary Fund (IMF)
Organizzazzjoni dinjija li l-għan ewlieni tagħha hu li tinkoraġġixxi stabbiltà finanzjarja u koperazzjoni monetarja fost il-pajjiżi ħalli tikber l-ekonomija dinjija, jiżdiedu l-impjiegi u jonqos il-faqar.

### forza tax-xogħol
### labour force
L-għadd ta' persuni li jkollhom impjieg bil-qligħ, magħduda ma' dawk li attivament ikunu qed ifittxu x-xogħol.

### forzi tas-suq
### market forces
L-effett li d-domanda u l-provvista jkollhom fuq il-prezz u viċi versa.

### fruntiera tal-possibbiltajiet tal-produzzjoni
### production possibility curve
Kurva f'dijagramma li kull punt tagħha jindika kumbinazzjoni ta' żewġ tipi ta' oġġetti li jkunu jistgħu jiġu prodotti f'pajjiż bl-użu effiċjenti tar-riżorsi u t-teknoloġija kurrenti. F'sitwazzjoni bħal din, biex tiżdied il-produzzjoni ta' tip wieħed minn dawn iż-żewġ oġġetti, bilfors irid ikun hemm tnaqqis fil-produzzjoni tat-tip l-ieħor.

### ftehim dwar kummerċ preferenzjali
### preferential trade agreement
Ftehim li bih pajjiż jew grupp ta' pajjiżi jgawdu minn tneħħija jew tnaqqis ta' tariffi meta jesportaw xi prodotti tagħhom lejn pajjiż jew grupp ta' pajjiżi li jimportaw l-istess prodotti.

### ftehim għal kummerċ ħieles
### free trade agreement
Ftehim bejn grupp ta' pajjiżi li jaqblu li bejniethom ineħħu l-ostakli għall-kummerċ internazzjonali bħal tariffi u kwoti ta' importazzjoni.

### ġid
### wealth
Assi finanzjarji, propjetà u possessjonijiet oħra ta' valur.

### globalizzazzjoni
### globalisation
Proċess li jwassal għal żieda fil-moviment tan-nies u tan-negozju madwar id-dinja, l-aktar minħabba żvilupp fil-faċilitajiet tal-ivvjaġġar u tat-telekomunikazzjoni. B'hekk tiżdied l-interdipendenza tal-ekonomiji u l-kulturi ta' pajjiżi differenti.

### Grupp tas-77
### Group of 77
Grupp ta' pajjiżi qed jiżviluppaw, fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti, li l-għan tiegħu hu li jtejjeb il-kundizzjonijiet ekonomiċi kollettivi tal-istess pajjiżi.

### għajnuna bilaterali
### bilateral aid
Fondi li jingħataw direttament minn gvern donatur lil pajjiż qed jiżviluppa.

### għajnuna finanzjarja marbuta
### tied aid
Għajnuna lill-gvernijiet ta' pajjiżi qed jiżviluppaw mogħtija minn gvernijiet ta' pajjiżi oħra b'xi kundizzjoni li tiffavorixxi lill-pajjiż donatur, pereżempju li l-fondi jridu jintefqu fuq prodotti tal-pajjiż donatur.

### għajnuna multilaterali
### multilateral aid
Għajnuna minn bosta gvernijiet, mogħtija lill-pajjiżi qed jiżviluppaw, permezz ta' organizzazzjonijiet multilaterali, bħall-Bank Dinji.

### għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp
### offical development assistance (ODA)
Għajnuna li tingħata lill-gvernijiet tal-pajjiżi qed jiżviluppaw minn aġenziji uffiċjali, inklużi gvernijiet ta' pajjiżi żviluppati u organizzazzjonijiet internazzjonali. Din l-għajnuna tkun konċessjonali, jiġifieri parti minnha tkun għotja ta' fondi, u parti oħra tkun self ta' fondi bi mgħax relattivament baxx u bi żmien relattivament twil biex il-fondi jitħallsu lura.

### għaqda doganali
### customs union
Grupp ta' pajjiżi bi dwana komuni. Il-pajjiżi msieħba fl-għaqda jkollhom suq komuni u jimponu tariffa esterna komuni fuq l-importazzjoni li toriġina minn pajjiżi mhux membri tal-għaqda.

### għaqda tal-ħaddiema/union
### union
Organizzazzjoni li tgħaqqad lill-ħaddiema biex itejbu l-pagi u l-kundizzjonijiet ta' xogħolhom. Dawn l-għaqdiet ġeneralment jiffinanzjaw l-attività tagħhom bil-miżati tal-membri.

### għażla
### choice
Il-possibbiltà li l-konsumaturi jakkwistaw il-prodott/servizz li jippreferu fost diversi prodotti. Min-naħa l-oħra, il-produtturi jkollhom ukoll diversi possibbiltajiet ta' x'jipproduċu skont il-preferenza tagħhom.

## ħaddiem skoraġġut
### discouraged worker
Persuna fl-età tax-xogħol li ma tkunx motivata tfittex impjieg għax jidhrilha li ma jkunx hemm ċans li ssib wieħed.

## ħażna ta' riserva
### buffer stock
Ħażna ta' prodotti maħsuba biex titnaqqas il-provvista żejda jew biex tagħmel tajjeb għall-provvista nieqsa ta' xi prodott fis-suq. Ħażna bħal din tintuża l-aktar biex il-prezz tal-prodott ma jinbidilx ħafna.

## ħolqien tal-kummerċ
### trade creation
Fil-kuntest tal-ekonomija internazzjonali: il-vantaġġ assoċjat ma' ftehim għal kummerċ ħieles jew ma' għaqda doganali, biex il-prezzijiet tal-prodotti importati mill-membri tal-għaqda ma jkunx hemm tariffi fuqhom. Dan huwa meqjus favorevoli għall-kummerċ.

## ħżin
### hoarding
Fil-kuntest makroekonomiku: il-prattika li l-flus jinżammu f'ammont akbar milli meħtieġ għall-konsum jew għall-investiment finanzjarju immedjat, aktarx għall-ispekulazzjoni, bil-ħsieb li min jaħżen il-flus jistenna li jibbenefika minn żidiet fl-imgħax fil-futur. Fil-każ ta' komoditajiet, il-ħżin jirreferi għall-prattika li kwantitajiet kbar ta' riżorsi jinħażnu, ukoll aktarx għall-ispekulazzjoni, bil-ħsieb li min jaħżen jibbenefika minn żidiet fil-prezzijiet fil-futur.

## impjant
### plant
Bini, magni u faċilitajiet oħra użati għall-produzzjoni.

## impjieg massimu
### full employment
Meta d-domanda u l-provvista tal-ħaddiema jkunu ndaqs fuq skala nazzjonali u ma jkunx hemm qgħad li jiddependi miċ-ċiklu tal-kummerċ. F'sitwazzjoni bħal din, xorta jista' jkun hemm qgħad frizzjonali u qgħad strutturali. Xi drabi r-rata tal-qgħad f'sitwazzjoni ta' impjieg massimu tissejjaħ rata tal-qgħad naturali.

## importazzjoni
### importation
Oġġetti u servizzi mixtrija minn barra l-pajjiż.

## impriża
### undertaking
Fil-kuntest kummerċjali: entità bl-iskop li twettaq attività kummerċjali. L-impriża tista' titmexxa minn persuna waħda jew minn grupp ta' persuni.

## inċentiv finanzjarju
### financial incentive
Pagamenti jew konċessjonijiet maħsuba biex iħajru l-impriżi jipproduċu xi prodott jew jinvestu f'ċerti attivitajiet, inkella biex il-konsumaturi jitħajru jixtru ċerti prodotti.

## inċertezza
### uncertainty
Sitwazzjoni li fiha jkun hemm dubji dwar l-eżitu ta' xi deċiżjoni jew attività ekonomika.

## indiċi tal-prezzijiet
### price index
Indiċi li jkejjel bidliet fil-medja tal-prezzijiet ta' grupp ta' prodotti. Indiċi tal-prezz li jissemma ħafna huwa l-indiċi tal-prezzijiet bl-imnut.

## indiċi tal-prezzijiet bl-imnut
### retail price index
Kejl tal-għoli tal-ħajja bbażat fuq il-medja tal-prezzijiet ta' gruppi ta' oġġetti u servizzi li jinxtraw bl-imnut mill-konsumaturi. Biex tkun ikkalkulata din il-medja, il-prezzijiet jiġu mwieżna skont il-persentaġġ tan-nefqa tal-konsumaturi fuq kull grupp ta' prodotti.

## industrija għadha tibda
### infant industry
Industrija li tkun għadha fl-istadji bikrin, u jkun diffiċli għaliha li tikkompeti ma' industriji simili maturi u stabbiliti barra l-pajjiż. Hemm min jargumenta li l-gvern għandu jipproteġi l-industriji domestiċi fl-istadji bikrin tagħhom. Imma hemm ukoll min jargumenta li protezzjoni bħal din twassal għall-ineffiċjenza għax tnaqqas il-motivazzjoni tal-produtturi biex jikkompetu.

## inflazzjoni tad-domanda
### demand-pull inflation

Żieda fil-prezzijiet ġenerali fil-pajjiż minħabba żieda fid-domanda għal oġġetti u servizzi.

## inflazzjoni tal-ispiża
### cost-push inflation

Żieda fil-prezzijiet ġenerali minħabba żieda fl-ispejjeż tal-produzzjoni.

## inflazzjoni/għoli tal-ħajja
### inflation

Ġeneralment dan it-terminu jintuża għal żieda fil-medja tal-prezzijiet ta' oġġetti u servizzi li jinxtraw mill-konsumaturi, bħall-ikel, ix-xorb, il-ħwejjeġ, il-manutenzjoni tad-dar, ir-rikreazzjoni, l-edukazzjoni u t-trasport, rappreżentata f'persentaġġ bejn perjodu u ieħor. Il-medja tal-prezzijiet tinstab billi jitkejjel il-prezz ta' kull tip ta' oġġett u servizz skont in-nefqa li ssir fuqu bħala persentaġġ tan-nefqa totali tal-konsumatur, ras għal ras.

▸ **iperinflazzjoni**; **inflazzjoni tal-ispiża**; **inflazzjoni tad-domanda**; **spirall inflazzjonarju**

## infrastruttura
### infrastructure

Fil-kuntest ekonomiku: strutturi u faċilitajiet bħal toroq, sistemi ta' komunikazzjoni, provvista tad-drenaġġ, id-dawl u l-ilma, ilkoll meħtieġa għall-operazzjoni tal-ekonomija.

## intraprenditorija
### entrepreneurship

Il-kwalità li jkollu min ikun lest jieħu riskji finanzjarji marbuta ma' negozju biex jagħmel profitt. Din il-kwalità normalment tintrabat mal-innovazzjoni u l-ideat ġodda.

## introjtu/dħul
### revenue

Ammont ta' flus li jirċievi xi ħadd.

## investiment
### investment

Fil-kuntest finanzjarju: ix-xiri ta' assi finanzjarji bl-għan li jiġġeneraw imgħax jew dividend. Fil-kuntest tal-produzzjoni: ix-xiri ta' assi marbuta man-negozju bl-għan li jiġġeneraw profitt. Fil-kuntest ta' oġġetti prezzjużi: ix-xiri ta' oġġetti ta' valur bl-għan li jsir gwadann jekk ikun hemm apprezzament fil-valur tagħhom.

## investiment barrani dirett
### foreign direct investment (FDI)

Investiment li pajjiż jirċievi minn entità minn barra l-pajjiż. Dan l-investiment isir biex l-entità msemmija toħloq impriża jew takkwista impriża li diġà tkun fil-pajjiż.

## investiment kapitali
### capital investment

Infiq fuq l-assi kapitali.

## iperinflazzjoni
### hyperinflation

Żidiet fil-prezzijiet ġenerali b'rata mgħaġġla ħafna u li diffiċli tikkontrollahom.

**kapaċità massima**
**carrying capacity**
L-akbar ammont ta' nies, jew ta' speċi oħra, li jistgħu jkunu sostnuti f'territorju. Dan il-kunċett jintuża ta' spiss fil-kuntest ta' kemm pajjiż jiflaħ jospita turisti.

**kapital fiss**
**fixed capital**
Fil-kuntest mikroekonomiku: propjetà, bħal bini, impjant, magni u vetturi, użati minn impriża biex issir il-produzzjoni.

**kapital uman**
**human capital**
L-attributi u l-ħiliet edukattivi, soċjali u kreattivi ta' persuna li jkollhom effett fuq il-produttività tagħha.

**kapitaliżmu**
**capitalism**
Sistema ekonomika u politika li fiha l-impriżi produttivi jkunu propjetà privata u li fiha, il-bejgħ tal-prodotti u s-servizzi jsir għall-profitt.

**kartell**
**cartel**
Grupp ta' ditti li jiftiehmu bejniethom ħalli jiddominaw is-suq billi jinfluwenzaw il-prezz u/jew il-kwantità tal-prodott bl-għan li jkattru l-profitti tagħhom.

▸ **kollużjoni**

**katina tal-provvista**
**supply chain**
Proċess ta' produzzjoni u kunsinna ta' prodott li jibda mill-materja prima u jgħaddi minn diversi stadji sakemm jasal għand min ikun ordna l-istess prodott.

**kera**
**rent**
Ħlas regolari li jsir minn min jikri propjetà lis-sid tal-propjetà.

**kollużjoni**
**collusion**
Ftehim bejn numru ta' impriżi bl-għan li jnaqqsu l-kompetizzjoni fis-suq tal-prodott tagħhom ħalli jkattru l-profitti. Dan jistgħu jagħmluh billi jiffissaw il-prezz tal-prodott u/jew jillimitaw il-provvista tal-istess prodott. Tattika oħra ta' kollużjoni hi li diversi impriżi jaqsmu s-suq tal-prodott bejniethom biex tonqos il-kompetizzjoni.

▸ **kartell**

**komodità**
**commodity**
Materja prima (bħar-ram u l-aluminju) jew prodott agrikolu primarju (bħall-kafè u l-qamħ) u oġġetti bażiċi oħra li jinbiegħu u jinxtraw fis-swieq internazzjonali.

**kompetizzjoni imperfetta**
**imperfect competition**
Fit-teorija mikroekonomika: meta jkun hemm kompetizzjoni bejn il-bejjiegħa fis-suq ta' xi prodott speċifiku imma ma jkunx hemm kompetizzjoni perfetta fl-istess

suq, l-aktar għax il-prodott ma jkunx omoġenju (kompetizzjoni monopolistika) jew għax ikun hemm ftit ditti kbar jikkompetu (oligopolju).

## kompetizzjoni monopolistika
## monopolistic competition

Fit-teorija mikroekonomika: meta fis-suq ikun hemm kompetizzjoni qawwija għal xi prodott, imma l-prodott ikun differenzjat u mhux omoġenju. Għalhekk id-ditta li tbigħ prodott differenzjat tkun tista' tbigħu bi prezz ogħla milli kieku kien omoġenju.

▸ **prodott omoġenju**

## kompetizzjoni perfetta
## perfect competition

Fit-teorija mikroekonomika: tip ta' suq ta' xi prodott speċifiku fejn ikun hemm dħul liberu u ħafna negozji żgħar li jbigħu l-istess prodott b'tali mod li ħadd minnhom, individwalment, ma jkollu saħħa biżżejjed fis-suq biex jistabbilixxi l-prezz tal-prodott. Fit-teorija, din is-sitwazzjoni twassal biex il-konsumaturi jmorru tajjeb għax ikun hemm kompetizzjoni qawwija bejn il-bejjiegħa u l-ebda bejjiegħ ma jkun jista jaqla' profitt sopranormali. Dan it-tip ta' suq teoretiku jintuża biex jitqabbel ma' forom oħra tas-suq, bħalma huma l-kompetizzjoni imperfetta u l-monopolju.

## konċentrazzjoni tal-esportazzjoni
## export concentration

Meta proporzjon għoli tal-esportazzjoni jikkonsisti f'numru żgħir ta' tipi ta' prodotti, jew meta proporzjon għoli tal-esportazzjoni ta' pajjiż partikolari jmur lejn numru żgħir ta' pajjiżi oħra.

## konsum
## consumption

Xiri ta' oġġetti u servizzi mill-konsumaturi.

## kont fiss
## fixed account

Kont bankarju ta' tfaddil li jinfetaħ għal perjodu ta' żmien stipulat, b'rata ta' mgħax fissa. Matul dak iż-żmien, id-depożitaturi ma jkunux jistgħu jiġbdu flushom. Il-banek joffru rata ta' mgħax ogħla fuq kont fiss milli fuq kont kurrenti.

## kont kapitali
## capital account

Fil-kuntest tal-bilanċ tal-pagamenti ta' xi pajjiż: il-bilanċ bejn id-dħul u l-ħruġ tal-assi kapitali tal-pajjiż. Dawn l-assi jinkludu investiment, self, depożiti fil-bank u xiri ta' ishma.

Fil-kuntest tal-finanzi tal-gvern: in-nefqa tal-gvern fuq investiment kapitali, li ħafna minnu jkun għal skopijiet soċjali jew infrastrutturali.

## kont kurrenti
### current account

Fil-kuntest tal-bilanċ tal-pagamenti ta' pajjiż partikolari, dan it-terminu jinkludi tliet tipi ta' tranżazzjonijiet:

- il-bilanċ bejn l-importazzjoni u l-esportazzjoni tal-pajjiż;
- il-bilanċ bejn il-qligħ mill-produzzjoni li jidħol minn barra l-pajjiż u dak li jmur barra l-pajjiż;
- il-bilanċ bejn it-trasferimenti ta' flus li jiġu minn barra l-pajjiż u dawk li jmorru barra l-pajjiż.

Fil-kuntest bankarju: kont li minnu d-depożitaturi jkunu jistgħu jiġbdu flushom meta jridu.

## kontijiet nazzjonali
### national accounts

Ġabra sistematika ta' statistika dwar elementi importanti tal-ekonomija ta' pajjiż jew reġjun. Il-kontijiet, forma ta' tabelli, jinkludu, fost ħwejjeġ oħra, il-prodott domestiku gross; il-finanzi pubbliċi; u l-bilanċ tal-pagamenti. Biex din l-istatistika tkun tista' titqabbel bejn pajjiż u ieħor, jintużaw kunċetti b'definizzjoni u metodi ta' kejl komuni internazzjonalment.

## kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali
### social security contribution

Pagament, ġeneralment obbligatorju, li jsir minn kull min hu impjegat, jew jaħdem għal rasu, jew iħaddem in-nies, biex tkun iffinanzjata l-assigurazzjoni soċjali.

## korporazzjoni multinazzjonali
### multinational corporation

Kumpanija kbira inkorporata f'xi pajjiż partikolari li tipproduċi prodotti f'diversi pajjiżi, aktarx permezz ta' fergħat, kumpaniji sussidjarji, jew kumpaniji assoċjati.

## kriptovaluta
### cryptocurrency

Munita virtwali li t-tranżazzjonijiet tagħha huma kkodifikati permezz ta' sistema elettronika msejħa "blockchain" li toffri sigurtà lill-utent. Is-sistema hija deċentralizzata u topera b'mod indipendenti minn bank ċentrali.

## kummerċ ħieles
### free trade

Meta ma jkunx hemm ostakli għall-kummerċ internazzjonali, bħal tariffi u kwoti ta' importazzjoni.

## kurva
### curve

Linja dritta jew mgħawġa f'dijagramma li turi r-relazzjoni bejn żewġ varjabbli, ġeneralment wieħed jiddependi mill-ieħor. Il-varjabbli dipendenti ġeneralment jitkejjel fuq l-assi vertikali u l-varjabbli kawżatur fuq l-assi orizzontali.

## kurva forma ta' S
### S-shaped curve

Relazzjoni bejn żewġ varjabbli rappreżentata grafikament b'kurva forma ta' S. Pereżempju, fil-każ tal-kurva tal-ispiża totali ta' ditta, fl-ewwel fażi, meta l-produzzjoni tibda tiżdied, l-ispiża totali tiżdied

ukoll, imma b'rata baxxa, sakemm tasal għall-punt ta' inflessjoni. Fit-tieni fażi, meta l-produzzjoni tkompli tiżdied, l-ispiża wkoll tkompli tiżdied, din id-darba b'rata mgħaġġla.

## kurva forma ta' U
### U-shaped curve

Relazzjoni bejn żewġ varjabbli ekonomiċi rrappreżentata grafikament b'kurva li għall-ewwel tinżel gradwalment, iddur sa ma tilħaq il-qiegħ, u terġa' tibda tielgħa.

## kurva forma ta' U bil-maqlub
### inverted U-shaped curve

Relazzjoni bejn żewġ varjabbli ekonomiċi rrappreżentata grafikament b'kurva li għall-ewwel turi linja tielgħa 'l fuq li ddur lejn il-lemin sakemm tilħaq il-quċċata, u mbagħad iddur 'l isfel.

## kurva ta' indifferenza tal-produzzjoni
### production indifference curve

Kurva li f'kull punt tagħha tindika kumbinazzjoni ta' ħaddiema u kapital (eż. magni) li bihom ikun prodott l-istess ammont ta' oġġetti daqs dawk il-kumbinazzjonijiet murija fuq punti oħra tal-istess kurva. Dan ifisser li l-produttur ma tagħmillux differenza liema punt fil-kurva għandu jagħżel għax dawn il-punti juru l-istess livell ta' produzzjoni.

## kurva ta' Phillips
### Phillips curve

Kurva f'dijagramma, imsemmija għall-Ekonomista A.W. Phillips, li turi r-relazzjoni bejn ir-rata tal-qgħad u r-rata taż-żieda fil-pagi, fis-sens li meta jonqos il-qgħad fil-pajjiż ikun hemm tendenza li jogħlew il-pagi.

## kurva tal-indifferenza tal-konsumatur
### consumer indifference curve

Kurva f'dijagramma li kull punt tagħha juri l-utilità (jew is-sodisfazzjon) tal-konsumaturi minn kwantità ta' żewġ oġġetti sostituti. Il-kurva turi li meta tiżdied il-kwantità ta' wieħed mill-oġġetti u titnaqqas il-kwantità tal-ieħor, l-utilità għall-konsumaturi ma tinbidilx għax it-tnaqqis ta' wieħed jitpatta biż-żieda tal-ieħor. Fi kliem ieħor, il-konsumaturi jkunu indifferenti dwar liema punt fil-kurva għandhom jagħżlu għax dawn il-punti jagħtuhom sodisfazzjon ugwali.

## laissez-faire
## laissez-faire
Politika li biha l-gvern ma jindaħalx fil-proċessi jew fil-ħajja ekonomika tal-pajjiż.

## laxkar kwantitattiv
## quantitative easing
Meta l-bank ċentrali ta' pajjiż jixtri kwantità kbira ta' bonds u assi monetarji oħra biex jippompja l-flus fl-ekonomija bl-iskop li jkabbar l-attività ekonomika.

## liberalizzazzjoni
## liberalisation
Proċess li jwassal biex jitneħħa jew jonqos il-kontroll tal-gvern fuq l-impriżi jew fuq xi attivitajiet ekonomiċi.

## liġi tad-domanda
## law of demand
Prinċipju tal-ekonomija li meta jogħla l-prezz ta' prodott, id-domanda għall-istess prodott tkun mistennija tonqos, dment li kull ħaġa oħra tibqa' l-istess.

## liġi tal-provvista
## law of supply
Prinċipju tal-ekonomija li meta jogħla l-prezz ta' prodott, il-bejjiegħa jkunu mistennija jżidu l-provvista tal-istess prodott, dment li kull ħaġa oħra tibqa' l-istess.

## M1
### M1
Flus fl-idejn u fil-kontijiet bankarji kurrenti. Dan it-terminu jirreferi għall-provvista ta' assi likwidi, f'għamla ta' flus, fil-pajjiż.

## M2
### M2
Flus fl-idejn flimkien ma' flus f'kull tip ta' kont bankarju, inkluż f'kontijiet fissi. Din hi definizzjoni usa' minn dik li tirreferi għall-provvista tal-flus M1.

## M3
### M3
Kalkolu tal-provvista tal-flus usa' minn M2. Dan il-kalkolu jinkludi kemm M2 kif ukoll assi finanzjarji oħra li ma jissarrfux faċilment fi flus kontanti fi żmien qasir. M3 huwa assoċjat ma' istituzzjonijiet finanzjarji u korporazzjonijiet kbar u mhux ma' negozji żgħar.

## M4
### M4
Kalkolu tal-provvista tal-flus usa' minn M3 li jinkludi assi inqas likwidi minn dawk inklużi f'M3.

## makroekonomija
### macroeconomics
Fergħa tal-istudju tal-ekonomija li tittratta l-attività ekonomika tal-pajjiż kollu kemm hu, inklużi varjabbli konnessi mal-qligħ u l-produzzjoni nazzjonali, id-domanda u l-provvista tal-flus, l-infiq tal-gvern ċentrali, is-suq tax-xogħol, u varjabbli oħra aggregati.

## massimizzazzjoni tal-produzzjoni
### output maximisation
L-ogħla livell tal-produzzjoni li jista' jintlaħaq minn ditta, bir-riżorsi disponibbli għaliha.

## massimizzazzjoni tal-profitt
### profit maximisation
Meta ditta tagħmel l-ogħla profitt possibbli. Skont it-teorija mikroekonomika, ditta timmassimizza l-profitt sopranormali meta d-dħul marġinali mill-bejgħ ikun daqs l-ispiża marġinali tal-produzzjoni. Skont l-istess teorija, fil-każ ta' monopolju u kompetizzjoni imperfetta, id-ditta jkollha l-opportunità li tagħmel profitt sopranormali. Fil-każ ta' kompetizzjoni perfetta, id-ditta ma tagħmilx profitt sopranormali.

## massimizzazzjoni tal-utilità
### utility maximisation
Fit-teorija mikroekonomika: din tirreferi għall-ogħla utilità possibbli li tikseb persuna jew familja mill-akkwist jew l-użu ta' oġġett jew servizz. L-insegwiment tal-massimizzazzjoni tal-utilità huwa l-bażi tal-ekonomija neoklassika.

## maturità
### maturity
Fil-kuntest finanzjarju: id-data li fiha jagħlaq is-self u d-dejn ikun mistenni jitħallas lura lis-sellief minn min jissellef.

## mekkaniżmu tal-prezz
### price mechanism
Sistema li fiha d-domanda u l-provvista ta' xi prodott jiddeterminaw il-prezz tal-istess prodott, u fl-istess ħin, bidla fil-prezz taffettwa d-domanda u l-provvista. Meta jkun hemm domanda akbar mill-provvista jkun mistenni li l-prezz jitla', u meta jkun hemm provvista akbar mid-domanda jkun mistenni li l-prezz jaqa'. B'hekk, meta jkun hemm domanda jew provvista eċċessiva fis-suq għal dan il-prodott, ikun hemm tendenza li l-prezz jinbidel u jersaq lejn il-punt ta' ekwilibriju fejn id-domanda tkun eżatt daqs il-provvista.

Jekk dan l-ekwilibriju ma jinżammx minħabba fatturi li jaffettwaw id-domanda jew il-provvista, u terġa' tinħoloq domanda jew provvista eċċessiva, ikun hemm tendenza li l-prezz imur lura lejn il-punt tal-ekwilibriju fis-suq.

## metodi ta' valutazzjoni
### valuation techniques
Fl-istudju tal-ekonomija ambjentali: proċeduri biex ikun stmat il-valur ta' riżorsi jew ta' sitwazzjonijiet li jagħtu utilità imma li ma jkunx hemm suq għalihom u, għalhekk, lanqas ma jkollhom prezz, ngħidu aħna veduta sabiħa li jkollha valur għax tagħti pjaċir lil min jaraha. Metodu li jintuża spiss hu l-valutazzjoni kontinġenti.

## mikroekonomija
### microeconomics
Fergħa tal-istudju tal-ekonomija li tittratta r-relazzjoni bejn id-domanda, il-provvista u l-prezz, u torbothom mad-deċiżjonijiet ta' persuna biex timmassimizza l-utilità, u ta' ditta biex timmassimizza l-profitt.

## minimizzazzjoni tal-ispiża
### cost minimisation
Fil-kuntest mikroekonomiku: meta oġġett ikun jista' jiġi prodott bl-aktar spiża baxxa possibbli għax ikun prodott f'ċerta kwantità. Dan isir billi ditta tikkombina bl-aħjar mod l-għadd tal-ħaddiema mal-għadd tal-kapital fil-produzzjoni tal-istess oġġett.

## monetariżmu
### monetarism
Teorija ekonomika li tenfasizza l-ħtieġa ta' kontroll tal-ammont ta' flus fiċ-ċirkolazzjoni biex ikun hemm stabbiltà fil-produzzjoni nazzjonali u fil-prezzijiet.

## monopolist/a
### monopolist
Individwu, grupp ta' persuni jew kumpanija li jikkontrollaw impriża li tgawdi monopolju fis-suq.

## monopolju
### monopoly
Fit-teorija mikroekonomika: meta fis-suq ikun hemm impriża waħda biss li tbigħ prodott partikolari li għalih ma jkunx hemm sostituti tajbin. Skont it-teorija, dan ikun ta' żvantaġġ għall-konsumaturi għax

il-monopolista jkollu s-setgħa jgħolli l-prezz tal-prodott u b'hekk jaqla' profitt sopranormali. Barra minn hekk, il-monopolista jipproduċi l-prodott b'mod ineffiċjenti għax ma jkollux kompetituri fis-suq.

## monopolju naturali
### natural monopoly
Tip ta' monopolju li jinħoloq għax ma jkunx prattiku jew fattibbli li jkun hemm aktar minn ditta waħda fis-suq tal-prodott, pereżempju fil-provvista tal-ilma fid-djar jew fil-ġenerazzjoni tad-dawl elettriku. Ħafna drabi, monopolju naturali jkun ikkontrollat direttament jew indirettament mill-gvern.

## monopsonija
### monopsony
Fit-teorija mikroekonomika: meta fis-suq ikun hemm impriża waħda biss li tixtri prodott partikolari biex tużah fil-produzzjoni. Skont it-teorija, dan ikun ta' żvantaġġ għall-bejjiegħa tal-prodott għax il-monopsonista jkollu s-setgħa jniżżel il-prezz tal-prodott għax ma jkollux kompetituri fis-suq.

## monopsonist/a
### monopsonist
Impriża li tgawdi monopsonija fis-suq.

## moviment fil-kurva
### movement along the curve
Fit-teorija tal-ekonomija: f'dijagramma li turi kurva b'relazzjoni bejn żewġ varjabbli, X u Y, żieda f'X, li twassal għal bidla f'Y, tintwera b'moviment fuq l-istess kurva, 'il fuq jew 'l isfel, skont jekk l-impatt ikunx pożittiv jew negattiv.

▸ **ċaqliq tal-kurva**

## multiplikatur
### multiplier
Bidla f'xi varjabbli li tista' twassal għal bidla akbar f'xi varjabbli ieħor. Hemm multiplikaturi differenti, bħall-multiplikatur tal-flus u l-multiplikatur tal-qligħ.

## multiplikatur fiskali
### fiscal multiplier
L-effett fuq l-ekonomija tal-pajjiż minħabba żieda jew tnaqqis fid-dħul nett (jiġifieri d-differenza bejn l-introjtu u n-nefqa) tal-gvern. Dment li kull ħaġa oħra tibqa' l-istess, jekk in-nefqa tiżdied aktar mill-introjtu l-ekonomija tkun mistennija tikber b'ammont li jista' jkun akbar mid-dħul nett, u viċi versa jekk l-introjtu jiżdied aktar min-nefqa.

▸ **multiplikatur tal-flus**; **multiplikatur tal-qligħ**

## multiplikatur tal-qligħ
### income multiplier
Fit-teorija makroekonomika: meta xi nefqa, inkluża n-nefqa tal-gvern, twassal biex jiżdied il-qligħ ta' min jirċeviha, u dan iwassal għal aktar infiq li mbagħad joħloq aktar qligħ, u l-proċess ikompli. Id-daqs tal-multiplikatur jiddependi l-aktar mill-propensità marġinali tal-konsum, il-propensità marġinali tal-importazzjoni, u mir-rata marġinali tat-taxxa.

## munita konvertibbli
### convertible currency
Munita li tista' tinxtara u tinbiegħ liberament, mingħajr restrizzjonijiet minn bank ċentrali jew xi awtorità regolatorja oħra.

▸ **munita mhux konvertibbli**

## munita mhux konvertibbli
### non-convertible currency
Munita li ma tkunx tista' tissarraf f'muniti oħra f'pajjiż partikolari, ġeneralment minħabba restrizzjonijiet imposti mill-gvern tal-pajjiż.

## munita/valuta
### currency
Flus li jiċċirkolaw fil-pajjiż u li huma aċċettati bħala mezz ta' skambju, bħall-ewro f'Malta u l-lira sterlina fir-Renju Unit.

## nefqa
### expenditure

L-ammont ta' flus li jitħallas għax-xiri jew għall-kiri ta' oġġett jew servizz.

## nefqa finali totali
### total final expenditure

Fil-kuntest makroekonomiku: is-somma ta' erba' tipi ta' nefqiet fuq:

1. il-konsum
2. il-ħtiġijiet tal-gvern
3. l-investiment u
4. l-esportazzjoni.

L-ewwel tlieta jissejħu "nefqiet domestiċi". Ir-raba' nefqa ssir minn impriżi u individwi residenti barra l-pajjiż. Dawn in-nefqiet isiru fuq prodotti maħdumin fil-pajjiż, kif ukoll fuq prodotti importati minn barra. Allura, jekk min-nefqa finali totali jitnaqqas il-valur tal-prodotti importati, dak li jibqa' jkun il-prodott domestiku gross.

## neoliberaliżmu
### neoliberalism

Filosofija ekonomika li tiffavorixxi s-suq ħieles, it-tnaqqis fl-infiq tal-gvern, u t-tnaqqis tal-indħil tal-gvern fis-settur privat.

## oġġett inferjuri
### inferior good
Oġġett li d-domanda għalih tonqos meta jiżdied id-dħul tal-konsumaturi; l-oppost ta' "oġġett normali".

## oġġett merituż
### merit good
Servizz jew oġġett assoċjat, ngħidu aħna, mas-saħħa, l-edukazzjoni u l-pensjoni, meqjus li għandu effett soċjali pożittiv kbir u għalhekk jistħoqqlu li jkun ipprovdut b'xejn jew issussidjat mill-gvern.

## oġġett normali
### normal good
Fit-teorija mikroekonomika: oġġett li d-domanda għalih tiżdied meta jiżdied id-dħul tal-konsumaturi; l-oppost ta' oġġett inferjuri.

## oġġett pubbliku
### public good
Oġġett (jew servizz) li jista' jużah kulħadd, li min jużah ma jżommx lil ħaddieħor milli jużah ukoll, u li meta jintuża ma titnaqqasx il-provvista tiegħu. Bħala eżempju nistgħu nsemmu sinjal tat-traffiku, li jista' jużah kulħadd bla ma jostakola lil ħaddieħor milli jerġa' jużah u, fl-istess ħin, ma jinħeliex mal-użu. Is-servizz tal-pulizija u tal-armata wkoll jistgħu jitqiesu li huma f'din il-kategorija. Normalment, dawn is-servizzi jkunu pprovduti mill-gvern u ffinanzjati mit-taxxi li jitħallsu, anki ta' dawk li ma jużawx dawn is-servizzi.

## oligopolju
### oligopoly
Kompetizzjoni imperfetta bejn numru żgħir ta' impriżi, aktarx ditti kbar.

## opportunità ta' xogħol/impjieg
### job vacancy
Post tax-xogħol battal li min iħaddem ikun qed ifittex lil xi ħadd biex jimlieh.

## organizzazzjoni mhux governattiva
### non-governmental organization (NGO)
Għaqda li topera b'mod indipendenti mill-gvern, għal skopijiet soċjali, ambjentali, sportivi, kulturali, reliġjużi, u oħrajn.

## Organizzazzjoni tal-Kummerċ Dinji
### World Trade Organization (WTO)
Organizzazzjoni intergovernattiva li tissorvelja r-regoli tal-kummerċ internazzjonali. L-iskop ewlieni tagħha hu li l-kummerċ bejn il-pajjiżi jsir bl-inqas restrizzjonijiet possibbli.

## ostakli għad-dħul fis-suq
**barriers to entry**

Id-diffikultajiet li ditta ssib biex tidħol fis-suq ta' xi prodott minħabba diversi fatturi bħal: spiża kapitali kbira biex tibda tipproduċi; ħtieġa ta' liċenzja u permessi oħra; burokrazija imposta mill-gvern; u diffikultajiet teknoloġiċi. Dawn l-ostakli ġieli jwasslu biex ditti li diġà joperaw fis-suq ikunu protetti minn żieda fil-kompetizzjoni.

## ostakli għall-kummerċ
**trade barriers**

Fil-kuntest tal-ekonomija internazzjonali: restrizzjonijiet imposti mill-gvern ta' pajjiż fuq l-importazzjoni minn barra l-istess pajjiż. L-aktar ostakli komuni huma tariffi u kwoti fuq l-importazzjoni. Dawn l-ostakli jkunu imposti l-aktar biex jipproteġu l-produzzjoni domestika. Anke s-sussidji fuq il-produzzjoni domestika jistgħu jservu għal dan il-għan.

▸ **protezzjoniżmu**

## paga
### wage
Il-qligħ tal-ħaddiema bħala kumpens għal xogħolhom.

## paga minima
### minimum wage
L-inqas rimunerazzjoni li tista' tingħata skont il-liġi lill-impjegati mill-impjegaturi.

## paga riġida
### sticky wage
Paga li ma tonqosx jew tonqos b'rata baxxa, meta jiżdied il-qgħad.

## pagament trasferit
### transfer payment
Ħlas ta' flus bħalma huma l-pensjonijiet u l-assistenza soċjali, li għalihom ma jkun hemm l-ebda skambju ta' oġġetti jew servizzi.

## pajjiżi l-inqas żviluppati
### least developed countries
Kategorija ta' pajjiżi bi qligħ baxx ħafna ras għal ras, li jkollhom aċċess għal għajnuna finanzjarja aktar minn pajjiżi qed jiżviluppaw u trattament speċjali mill-Organizzazzjoni tal-Kummerċ Dinji. Biex pajjiż ikun formalment f'din il-kategorija jrid jintgħażel min-Nazzjonijiet Uniti.

## pajjiżi qed jiżviluppaw
### developing countries
Pajjiżi li, ras għal ras, għandhom dħul baxx. Fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti dawn jiffurmaw il-Grupp tas-77.

▸ **pajjiżi żviluppati**

## pajjiżi żviluppati
### developed countries
Pajjiżi li, ras għal ras, għandhom dħul għoli. Il-pajjiżi żviluppati aktarx ikollhom ukoll livell għoli ta' edukazzjoni, litteriżmu u saħħa.

▸ **pajjiżi qed jiżviluppaw**

## perjodu medju
### medium term
Fit-teorija makroekonomika: medda ta' żmien li matulha l-livell ġenerali tal-prezzijiet u r-rati tal-pagi jaġġustaw, għalkemm mhux kompletament, għall-bidliet fl-ekonomija. Dan huwa terminu kunċettwali, imma ġieli jirreferi għal perjodu ta' bejn tliet snin u għaxra.

▸ **perjodu qasir**; **perjodu twil**

## perjodu qasir
### short term
Fit-teorija makroekonomika: medda ta' żmien li matulha l-livell ġenerali tal-prezzijiet u r-rati tal-pagi ma jaġġustawx sew għall-bidliet fl-ekonomija. Dan huwa terminu kunċettwali, imma ġieli jirreferi għal perjodu ta' mhux aktar minn tliet snin.

▸ **perjodu medju**; **perjodu twil**

## perjodu twil
### long term
Fit-teorija makroekonomika: medda ta' żmien li matulha l-livell ġenerali tal-prezzijiet u r-rati tal-pagi jaġġustaw sew għall-bidliet fl-ekonomija. Dan huwa terminu

kunċettwali, imma ġeneralment jirreferi għal perjodu itwal minn għaxar snin.

▸ **perjodu medju**; **perjodu qasir**

## piż tat-taxxa
### tax burden
It-taxxi kollha, sew taxxi diretti u sew taxxi indiretti, kif ukoll kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, bħala persentaġġ tal-prodott domestiku gross.

## politika fiskali
### fiscal policy
L-użu tal-introjtu u n-nefqa tal-gvern bl-għan li jkunu kkontrollati l-inflazzjoni, il-qgħad u l-attività ekonomika inġenerali.

## politika fiskali espansiva
### expansionary fiscal policy
Politika li biha l-gvern inaqqas it-taxxi jew iżid l-infiq bl-għan li jistimula l-attività ekonomika.

## politika fiskali restrittiva
### contractionary fiscal policy
Politika li biha l-gvern iżid it-taxxi jew inaqqas l-infiq bl-għan li titrażżan id-domanda biex tkun ikkontrollata l-inflazzjoni.

## politika monetarja
### monetary policy
L-immaniġġjar tal-provvista tal-flus u r-rata tal-imgħax fl-ekonomija mill-awtorità monetarja tal-pajjiż, x'aktarx il-bank ċentrali, biex jintlaħqu ċerti għanijiet makroekonomiċi, bħall-kontroll tal-inflazzjoni u l-istabbiltà ekonomika.

## politika monetarja espansiva
### expansionary monetary policy
Politika li biha l-bank ċentrali jżid il-provvista tal-flus u jnaqqas l-imgħaxijiet bl-għan li tkun stimulata l-attività ekonomika.

## politika tal-innovazzjoni
### innovation policy
Politika li tinkoraġġixxi l-iżvilupp teknoloġiku b'ideat u invenzjonijiet li jwasslu għall-introduzzjoni ta' prodotti u proċessi ġodda fl-ekonomija.

## politika tal-kompetizzjoni
### competition policy
Politika li tinkoraġġixxi l-kompetizzjoni bejn il-bejjiegħa billi, fost ħwejjeġ oħra, ma jsirx abbuż fil-bejgħ tal-prodotti minn impriżi li jkollhom dominanza tas-suq, u billi l-kompetizzjoni ma tkunx imxekkla minn ftehim bejn l-impriżi.

▸ **kartell**

## politika tal-qligħ
### incomes policy
Intervent mill-gvern biex il-qligħ, l-aktar il-pagi, ikun kontrollat bl-għan li titnaqqas ir-rata tal-inflazzjoni.

## popolazzjoni fl-età tax-xogħol
### working-age population
Il-kategorija tal-popolazzjoni, ġeneralment ta' bejn il-15 u l-64 sena, li tista' taħdem legalment.

## popolazzjoni qed tixjieħ
### ageing population

Popolazzjoni li l-medja tal-età tagħha tkun qed tiżdied. Kultant din l-espressjoni tintuża meta jiżdied il-proporzjon tal-popolazzjoni bl-età ta' 65 sena jew aktar. Din x'aktarx tkun kawża ta' żieda fl-istennija tal-għomor jew ta' nuqqas fir-rata tal-fertilità.

## prezz ekwilibranti
### equilibrium price

Il-prezz ta' oġġett jew servizz fis-suq meta d-domanda u l-provvista tagħhom ikunu ndaqs, jiġifieri meta jkun hemm ekwilibriju fis-suq.

## prezz li jkopri l-ispiża
### break-even price

Fil-każ ta' impriża, dal-prezz ikun daqs l-ispiża totali, jiġifieri l-ispiża varjabbli u l-ispiża fissa magħdudin flimkien. F'dan il-każ ma jkunx hemm profitt sopranormali.

## prezz massimu impost
### maximum price/price ceiling

Fit-teorija mikroekonomika: l-ogħla prezz ta' prodott, impost minn xi awtorità, li jkun inqas mill-prezz ekwilibranti. Dan x'aktarx iwassal għal skarsezza tal-istess prodott għax id-domanda għalih tkun akbar mill-provvista minħabba l-prezz baxx. Sitwazzjoni bħal din tista' twassal biex jinħoloq suq illegali, fejn il-prodott imsemmi jinbiegħ bi prezz għoli bil-moħbi.

▸ **prezz minimu impost**

## prezz mhux vijabbli
### shut-down price

Fit-teorija mikroekonomika: prezz ta' oġġett li tant ikun baxx li l-impriża li tipproduċih ikun jaqblilha tagħlaq. Dan jiġri meta d-dħul totali tad-ditta jkun inqas mill-ispiża varjabbli totali. Ditta tista' tibqa' tipproduċi, anki jekk tagħmel telf fi żmien qasir, basta tkopri parti mill-ispiża fissa tagħha.

## prezz minimu impost
### minimum price/price floor

Fit-teorija mikroekonomika: l-inqas prezz ta' prodott, impost minn xi awtorità, li jkun ogħla mill-prezz ekwilibranti. Dan x'aktarx iwassal għal sitwazzjoni fejn il-provvista tal-istess prodott tkun akbar mid-domanda għalih minħabba l-prezz għoli. Sitwazzjoni bħal din tista' twassal għall-ħela.

▸ **prezz massimu impost**

## prezz predatorju
### predatory pricing

Meta impriża titlob prezz baxx għall-prodotti tagħha bl-għan li impriżi rivali ma jkunux jistgħu jikkompetu u jkollhom joħorġu 'l barra mis-suq. Għalkemm il-konsumaturi jgawdu mill-prezz baxx għal żmien qasir, jistgħu jbatu f'medda itwal ta' żmien jekk il-predatur jirnexxilu jeqred jew inaqqas il-kompetizzjoni fis-suq.

## privatizzazzjoni
### privatization

Meta xi aġenzija jew operazzjoni tal-gvern issir propjetà ta' persuna jew entità privata.

## proċess multiplikatur tal-flus
### money multiplier process
Fl-ekonomija monetarja: proċess li juri kif depożitu ta' flus inizjali f'xi bank kummerċjali jwassal għal żieda fil-provvista tal-flus akbar mill-istess depożitu. Dan jiġri għax il-bank isellef parti mid-depożitu oriġinali, u dan joħloq depożiti oħra li jerġa' jsellef parti minnhom, u l-proċess ikompli.

## prodott
### product
F'dan id-dizzjunarju t-terminu "prodott" jirreferi għal oġġett kif ukoll għal servizz. Meta tkun meħtieġa distinzjoni bejn it-tnejn, jintużaw it-termini "oġġett" jew "servizz".

## prodott differenzjat
### differentiated product
Prodott li jista' jkollu għamliet diversi imma, ġeneralment, kull għamla tintuża għall-istess skop. Pereżempju, arloġġ jista' jkun differenzjat minn arloġġ ieħor għax ikollu l-marka tad-ditta jew minħabba d-disinn u l-ippakkjar tiegħu. Għalhekk "prodott differenzjat", f'dan is-sens, hu l-oppost ta' "prodott omoġenju".

## prodott domestiku gross
### gross domestic product (GDP)
Il-produzzjoni ta' oġġetti u servizzi f'pajjiż jew reġjun tiegħu li tista' titkejjel billi jingħadd il-valur miżjud u l-qligħ li jsir minnu, minn intrapriżi privati u entitajiet tal-gvern. Il-prodott domestiku gross jitkejjel ukoll billi jingħadd il-valur ta' kulma jinbiegħ fil-pajjiż, li minnu titnaqqas l-importazzjoni ta' oġġetti u servizzi minn barra l-istess pajjiż. Jissejjaħ ukoll "produzzjoni nazzjonali".

## prodott domestiku gross nominali
### nominal gross domestic product
Prodott domestiku gross imkejjel bi prezzijiet kurrenti.

## prodott domestiku gross ras għal ras
### gross domestic product per capita
Dan jitkejjel billi l-prodott domestiku gross ta' pajjiż ikun diviż bl-ammont tal-popolazzjoni tal-istess pajjiż.

## prodott domestiku gross reali
### real gross domestic product
Prodott domestiku gross li jitkejjel bi prezzijiet kostanti: jiġifieri mhux bi prezzijiet kurrenti imma bi prezzijiet fissi ta' xi sena bażi. Dan il-kejl jintuża biex tkun approssimata l-bidla fil-volum tal-produzzjoni nazzjonali. Għal dan il-għan jintuża deflatur.

## prodott domestiku nett
### net domestic product
Kejl li jinħadem billi mill-prodott domestiku gross jitnaqqas id-deprezzament tal-kapital.

## prodott Giffen
### Giffen good
Prodott li tiżdied id-domanda għalih meta jogħla fil-prezz.

## prodott kumplimentari
### complementary product
Prodott li jinxtara biex jintuża ma' prodott ieħor, pereżempju d-dqiq u l-ħmira fil-produzzjoni tal-ħobż.

## prodott omoġenju
### homogenous product
Fit-teorija mikroekonomika: prodott li f'għajnejn il-konsumaturi jkun eżatt l-istess, jinbiegħ minn fejn jinbiegħ fis-suq.

▸ **prodott differenzjat**

## prodott sostitut
### substitute product
Prodott li jixbah prodott ieħor fis-suq, u għalhekk id-domanda għall-ewwel prodott tkun affettwata mill-prezz tat-tieni prodott, u viċi versa. Aktar ma prodott ikun jixbah lil ieħor, l-effett ta' bidla fil-prezz ta' wieħed minnhom jaffettwa aktar id-domanda għall-ieħor.

## produttività
### productivity
Effiċjenza fil-produzzjoni li tista' titkejjel billi tiddividi l-ammont tal-produzzjoni bin-numru ta' ħaddiema f'perjodu speċifiku. Din tissejjaħ "produttività tal-ħaddiema".

## produzzjoni ras għal ras
### average product
Fil-kuntest mikroekonomiku: il-produzzjoni totali diviża bl-ammont tal-fattur varjabbli użat fil-proċess tal-produzzjoni.

## produzzjoni totali
### total product
Fil-kuntest mikroekonomiku: l-ammont totali tal-produzzjoni minn fattur varjabbli użat fil-proċess tal-produzzjoni. Meta dan il-fattur tal-produzzjoni jkunu l-ħaddiema, ngħidu "produzzjoni totali tal-ħaddiema".

## profitt
### profit
Id-differenza finanzjarja bejn l-ammont miksub mill-bejgħ ta' prodott u l-ispiża tal-produzzjoni tal-istess prodott.

## profitt ekonomiku
### economic profit
Profitt li jkun ikkalkulat billi mid-dħul tal-impriża jitnaqqsu l-ispejjeż impliċiti u l-ispejjeż espliċiti.

▸ **profitt sopranormali**

## profitt normali
### normal profit
Fit-teorija mikroekonomika: meta d-dħul mill-bejgħ tan-negozju jkun eżatt daqs l-ispejjeż espliċiti u l-ispejjeż impliċiti konnessi mal-produzzjoni.

## profitt sopranormali
### supernormal profit
Profitt li jkun ikkalkulat billi mill-qligħ tal-impriża jitnaqqsu l-ispejjeż impliċiti u l-ispejjeż espliċiti. Dan jissejjaħ ukoll profitt ekonomiku u huwa differenti mill-profitt tal-kontabilità, fejn l-ispejjeż impliċiti ma jidħlux fil-kalkolu.

## profitt tal-kontabilità
### accounting profit
Profitt ta' kumpanija kkalkulat bħala dħul nett miksub mill-bejgħ wara li jitnaqqsu l-ispejjeż espliċiti tal-produzzjoni. Dan hu differenti mill-profitt ekonomiku li huwa kkalkulat wara li jitnaqqsu l-ispejjeż espliċiti u l-ispejjeż impliċiti.

## propensità marġinali tal-importazzjoni
### marginal propensity of import
F'kuntest makroekonomiku: bidla proporzjonali fl-importazzjoni minħabba bidla fil-produzzjoni tal-pajjiż. Pereżempju, jekk il-produzzjoni tiżdied b'miljun ewro u tkun meħtieġa importazzjoni b'valur ta' nofs miljun ewro, il-propensità tkun ta' 50%.

## propensità marġinali tal-konsum
### marginal propensity to consume
F'kuntest makroekonomiku: bidla proporzjonali fl-ispiża fuq il-konsum minħabba bidla fil-qligħ tal-konsumaturi. Pereżempju, jekk il-qligħ jiżdied b'miljun ewro u minnu jintefqu tliet kwarti ta' miljun ewro fuq konsum, il-propensità tkun ta' 75%.

## propensità marġinali tat-tfaddil
### marginal propensity to save
F'kuntest makroekonomiku: bidla proporzjonali fit-tfaddil minħabba bidla fil-qligħ. Pereżempju, jekk il-qligħ jiżdied b'miljun ewro u minnu jitfaddal kwart ta' miljun, din il-propensità tkun ta' 25%.

## protezzjoniżmu
### protectionism
Politika tal-gvern li tirrestrinġi l-importazzjoni ta' prodotti minn barra l-pajjiż, l-aktar biex jiġu megħjuna industriji domestiċi jew biex joħorġu inqas flus barranin mill-pajjiż. Dan jista' jsir b'bosta mezzi, inklużi dazju jew kwoti fuq prodotti importati minn barra jew sussidji fuq prodotti ta' intrapriżi domestiċi.

▸ **ostakli għall-kummerċ**

## provvista
### supply
Il-kwantità ta' oġġett jew servizz partikolari pprovdut għall-bejgħ bi prezz speċifiku.

## provvista aggregata
### aggregate supply
Il-provvista totali ta' oġġetti u servizzi għall-bejgħ fil-pajjiż kollu.

## provvista tal-flus
### money supply
Il-valur totali tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni u d-depożiti fil-banek li jistgħu jinbidlu fi flus malajr. Din hi definizzjoni dejqa tal-provvista tal-flus. Definizzjoni usa' tal-provvista tal-flus tinkludi assi monetarji inqas likwidi bħal depożiti f'kontijiet fissi tal-banek.

▸ **assi likwidi**; **M1**; **M2**

## punt ta' inflessjoni
### inflection point
Punt fuq kurva f'dijagramma li turi relazzjoni bejn żewġ varjabbli fejn il-kurvatura tbiddel id-direzzjoni tagħha.

## qgħad
### unemployment
Sitwazzjoni li fiha dawk fl-età tax-xogħol attivament ifittxu impjieg imma ma jsibux. Il-kelma "attivament" teskludi lil min ma jkunx qed ifittex impjieg bis-serjetà.

## qgħad ċikliku
### cyclical unemployment
Qgħad li jinbidel skont l-andament tal-ekonomija tal-pajjiż. Meta l-attività ekonomika tiżdied ikun mistenni li dan it-tip ta' qgħad jonqos u meta l-attività ekonomika tonqos ikun mistenni li dan it-tip ta' qgħad jiżdied.

▸ **qgħad frizzjonali**

## qgħad frizzjonali
### frictional unemployment
Qgħad ikkawżat minn diskrepanza bejn in-numru ta' tipi ta' postijiet tax-xogħol vakanti u n-numru ta' persuni b'ħiliet relevanti li jkunu qed ifittxu x-xogħol.

## qgħad staġonali
### seasonal unemployment
Nuqqas ta' xogħol fi żminijiet partikolari tas-sena minħabba tibdil fl-attività ekonomika matul staġuni differenti. Ngħidu aħna, dawk li jaħdmu fis-settur turistiku f'Malta jistgħu ma jsibux xogħol fix-xitwa.

## qgħad strutturali
### structural unemployment
Qgħad ikkawżat min-nuqqas ta' xogħol minħabba bidliet fl-istruttura tal-ekonomija. Ngħidu aħna, mastrudaxxi kapaċi jsibu ruħhom bla xogħol meta l-ekonomija tinbidel u dan iwassal biex il-biċċa l-kbira tal-għamara tiġi importata flok tinħadem fil-pajjiż.

## qiegħ
### trough
Il-fażi taċ-ċiklu tal-kummerċ meta l-attività ekonomika tilħaq l-aktar punt baxx. Wara din il-fażi jkun hemm żieda fl-attività ekonomika.

## qligħ
### income
Flus li individwu jew negozju jirċievi bħala ħlas għal xi servizz li jagħti, għal xi prodott li jbigħ, jew għal kapital li jinvesti. Il-qligħ jista' jkun f'għamla ta' paga jew salarju, profitt, imgħax, dividend u kera.

## qligħ disponibbli
### disposable income
Qligħ nett wara li titnaqqas it-taxxa fuq il-qligħ.

## qligħ nazzjonali
### national income

▸ **qligħ nazzjonali gross**

### qligħ nazzjonali gross
### gross national income

Dan jitkejjel billi mal-valur tal-prodott domestiku gross ta' pajjiż jiżdied il-qligħ tar-residenti li joriġina minn barra l-pajjiż u jitnaqqas il-qligħ tar-residenti barranin mill-produzzjoni tal-istess pajjiż.

### qligħ personali
### personal income

Dħul ta' flus ta' individwu jew ta' familja minn pagi, profitti, dividend, imgħax, kera, pensjoni u għajnuna soċjali.

### quċċata
### peak

L-ogħla punt fil-kurva taċ-ċiklu tal-kummerċ f'dijagramma, wara li t-tlugħ fl-attività ekonomika jkun se jinbidel fi nżul.

## rabtiet interindustrijali
### inter-industry linkages
Ix-xiri jew il-bejgħ ta' prodotti bejn żewġ entitajiet industrijali jew aktar. Ngħidu aħna, l-industrija tal-ikel tixtri l-ħxejjex mill-industrija agrikola, u l-industrija agrikola tixtri l-fertilizzanti u l-pestiċidi minn industriji oħra.

## rata marġinali tat-taxxa
### marginal tax rate
F'kuntest makroekonomiku: bidla proporzjonali fit-taxxa minħabba bidla fil-qligħ. Pereżempju, jekk il-qligħ jiżdied b'€10 u dan iġib żieda ta' €2.50ċ bħala taxxa, il-propensità marġinali tkun ta' 25%.

## rata ta' skont
### discount rate
Fl-ekonomija tal-finanzi: ir-rata li bank ċentrali jitlob lill-banek kummerċjali meta jsellifhom flus għal ħin qasir (eż. għal 24 siegħa jew inqas).

Dan it-terminu jirreferi wkoll għar-rata tal-imgħax użata biex tiddetermina l-valur preżenti tal-flus li jkunu mistennija jidħlu jew joħorġu fil-futur.

## rata tal-attività
### activity rate
L-għadd ta' persuni impjegati jew li attivament ikunu qed ifittxu x-xogħol bħala persentaġġ tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol.

## rata tal-imgħax
### interest rate
Il-persentaġġ mitlub minn sellief fuq l-ammont ta' fondi mislufa minnu f'perjodu speċifiku.

## rata tal-kambju
### exchange rate
Il-valur ta' munita ta' pajjiż imqabbel ma' dak ta' munita ta' pajjiż ieħor.

## rata tal-kambju fissa
### fixed exchange rate
Rata tal-kambju ta' munita ta' pajjiż li tkun marbuta mar-rata tal-kambju tal-munita ta' pajjiż ieħor jew ta' pajjiżi oħra. Għalhekk, ir-rata tal-kambju ta' din il-munita ma tvarjax direttament mal-forzi tas-suq.

## rata tal-kambju flessibbli
### floating exchange rate
Rata tal-kambju ta' munita ta' pajjiż li tinbidel skont id-domanda u l-provvista ta' din il-munita fis-suq tal-kambju.

## rata tal-kambju kkontrollata
### managed exchange rate
Rata tal-kambju ta' munita ta' pajjiż affettwata minn interventi tal-awtoritajiet monetarji tal-istess pajjiż. Ġeneralment dawn l-interventi jsiru meta l-awtoritajiet jikkunsidraw li r-rata tal-kambju tkun ta' żvantaġġ għall-ekonomija tal-pajjiż. Dan jagħmluh billi, pereżempju, jixtru l-munita tagħhom stess biex jippruvaw jgħollulha l-valur u jbigħuha biex jippruvaw inaqqsulha l-valur.

## rata tal-parteċipazzjoni fil-forza tax-xogħol
### labour force participation rate
Il-forza tax-xogħol ikkalkulata bħala persentaġġ tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol.

## rata tal-qgħad
### unemployment rate
L-għadd ta' ħaddiema qiegħda bħala persentaġġ tal-forza tax-xogħol.

## rata tal-qgħad li ma żżidx l-inflazzjoni
### NAIRU (non-accelerating inflationary rate of unemployment)
Fit-teorija makroekonomika: rata tal-qgħad li ma twassalx biex l-inflazzjoni tiżdied b'mod aċċellerat. Dan jimplika li l-inflazzjoni taċċellera jekk il-qgħad ikun inqas minn din ir-rata.

## rata tal-qgħad naturali
### natural rate of unemployment
Rata tal-qgħad li tirriżulta mhux min-nuqqas ta' ħtieġa ta' ħaddiema imma minn fatturi oħra, bħan-nuqqas ta' ħaddiema bil-ħiliet meħtieġa jew minħabba ż-żmien meħtieġ biex il-ħaddiema jibdlu x-xogħol.

## regoli tal-oriġini
### rules of origin
Regoli li bihom jiġi determinat kemm mill-valur ta' oġġett irid ikun prodott fil-pajjiżi membri ta' żona ta' kummerċ ħieles biex ikun jista' jinbiegħ bla dazju bejn il-pajjiżi membri. Mingħajr dawn ir-regoli, pajjiż li ma jkunx membru taż-żona u jipproduċi persentaġġ għoli ta' xi prodott, ikun jista' jbigħu bla dazju lill-membri taż-żona permezz ta' negozju ma' wieħed mill-pajjiżi membri.

## rendiment ta' skala kostanti
### constant returns to scale
Fil-kuntest mikroekonomiku: meta żieda fil-kwantità tal-produzzjoni la żżid u lanqas tnaqqas l-ispejjeż tal-produzzjoni fuq kull prodott.

## rendiment ta' skala li jonqos
### decreasing returns to scale
Fil-kuntest mikroekonomiku: meta żieda fil-kwantità tal-produzzjoni progressivament tirriżulta f'żieda fl-ispejjeż tal-produzzjoni fuq kull prodott.

▸ **diżekonomiji ta' skala**

## rendiment ta' skala li jiżdied
### increasing returns to scale
Fil-kuntest mikroekonomiku: meta żieda fil-kwantità tal-produzzjoni progressivament tirriżulta fi tnaqqis fl-ispejjeż tal-produzzjoni fuq kull prodott.

▸ **ekonomiji ta' skala**

## reżiljenza ekonomika
### economic resilience
Il-kapaċità li pajjiż jassorbi jew jirkupra mill-impatti negattivi esterni.

## riċessjoni
### recession
Sitwazzjoni li fiha tonqos l-attività ekonomika fiċ-ċiklu tal-kummerċ. Teoretikament, biex ikun hemm riċessjoni, it-tnaqqis ekonomiku jrid idum tal-anqas sitt xhur konsekuttivi.

## riservi uffiċjali
### official reserves
Fil-kuntest tal-ekonomija internazzjonali: assi, inklużi muniti barranin negozjabbli u deheb, miżmuma mill-bank ċentrali ta' pajjiż. Dawn jiżdiedu jew jonqsu skont jekk ikunx hemm eċċess jew defiċit fil-kont kurrenti u l-kont kapitali fil-bilanċ tal-pagamenti magħdudin flimkien.

## riskju
### risk
Il-possibbiltà li xi ħaġa tmur ħażin, ngħidu aħna li jfalli xi investiment.

## riżorsi ekonomiċi
### economic resources
Kulma jintuża biex issir produzzjoni ta' oġġetti u servizzi. Ir-riżorsi ewlenin huma l-art, il-ħaddiema, il-kapital, u l-intraprenditorija. Jissejħu wkoll "fatturi tal-produzzjoni".

## riżorsi naturali
### natural resources
Riżorsi li jinsabu fl-ambjent u li jiżviluppaw mingħajr l-intervent tal-bnedmin, imma jistgħu jintużaw min-nies, ngħidu aħna l-ħamrija, l-ilma, il-faħam u ż-żejt.

## rkupru
### recovery
Il-fażi fiċ-ċiklu tal-kummerċ meta l-attività ekonomika tibda tirpilja wara l-agħar tar-riċessjoni.

## sehem
### share

Unità li jkollu azzjonist ta' kumpanija. Il-valur ta' kull sehem li jkun negozjat fil-Borża jista' jitla' u jinżel skont l-ogħla prezz li x-xerrejja jkunu lesti jħallsu u l-inqas prezz li l-bejjiegħa jkunu lesti jaċċettaw. Meta jixtri sehem, sid l-ishma jistenna li jingħata dividend. Dan ġieli ma jingħatax, l-aktar meta l-kumpanija tmur ħażin jew meta jkun hemm il-ħtieġa li jissaħħaħ il-kapital finanzjarju tal-istess kumpanija.

## self issussidjat
### soft loan

Self b'inqas imgħax u/jew b'maturità itwal mis-self kummerċjali.

## settur privat
### private sector

Dik il-parti tal-ekonomija kkontrollata minn individwi jew entitajiet privati li jipproduċu oġġetti u servizzi biex jagħmlu profitt. Impriżi privati ġieli jikkollaboraw mal-gvern permezz ta' sħubija pubblika-privata.

## settur pubbliku
### public sector

Entitajiet tal-gvern, fosthom ministeri u dipartimenti, awtoritajiet statutorji u aġenziji, u kumpaniji li l-maġġoranza tal-ishma tagħhom ikunu propjetà tal-gvern.

## sħubija bejn il-gvern u l-privat
### public-private partnership

Kollaborazzjoni bejn aġenzija tal-gvern u entità mis-settur privat biex flimkien jipproduċu oġġetti jew servizzi x'aktarx b'kunsiderazzjonijiet soċjali.

## skarsezza
### scarcity

Sitwazzjoni li fiha r-riżorsi disponibbli jkunu limitati meta mqabbla mad-domanda għall-istess riżorsi. Il-mod kif jiġu allokati r-riżorsi skarsi huwa meqjus bħala l-kwistjoni fundamentali tat-teorija ekonomika

## skwilibriju
### disequilibrium

Sitwazzjoni ta' żbilanċ bejn forzi opposti fl-ekonomija. Dan it-terminu jintuża meta d-domanda u l-provvista ta' prodott partikolari ma jkunux indaqs.

▸ **ekwilibriju**

## sostituzzjoni tal-importazzjoni
### import substitution

Politika ekonomika li tippromwovi s-sostituzzjoni tal-prodotti mixtrija minn barra l-pajjiż bi produzzjoni domestika biex titnaqqas id-dipendenza fuq pajjiżi barranin, jinbiegħu aktar prodotti lokali, u b'hekk jiġu ġġenerati aktar impjiegi fil-pajjiż.

## speċjalizzazzjoni
### specialisation
Konċentrament ta' persuna, impriża jew pajjiż fuq il-produzzjoni ta' oġġett jew servizz wieħed biss, jew firxa żgħira ħafna ta' oġġetti jew servizzi.

## spejjeż espliċiti
### explicit costs
Ħlas bil-flus minn ditta lil kull min jagħti servizz jew ibigħ prodott lill-istess ditta. Fost l-ispejjeż espliċiti nsibu l-paga tal-impjegati, l-imgħax fuq kapital misluf lill-impriża u l-kera tal-propjetà użata mill-impriża.

▸ **spejjeż impliċiti**

## spejjeż impliċiti
### implicit costs
L-ispejjeż li ma jsirx ħlas espliċitu għalihom, l-aktar għax ikunu pprovduti mis-sid tal-impriża stess. Dawn jistgħu jinkludu l-propjetà tas-sid, bħal xi maħżen li għalih ma titħallasx kera; kapital ipprovdut mis-sid li għalih ma jitħallasx l-imgħax; jew xogħol magħmul mis-sid stess li għalih ma titħallasx paga. Dawn flimkien jitqiesu bħala spiża tal- opportunità fis-sens li s-sid, f'dan il-każ, jitlef il-qligħ li seta' għamel kieku l-maħżen, il-kapital u x-xogħol tiegħu kellu jsir għal skop ieħor minflok għall-impriża tiegħu.

▸ **spejjeż espliċiti**

## spejjeż maħruġa
### disbursed costs
Fil-kuntest mikroekonomiku: l-ispejjeż espliċiti tal-impriża. Min-naħa l-oħra, l-ispejjeż impliċiti ma jitħallsux għax jirreferu għall-ispejjeż tal-opportunità.

## spekulazzjoni
### speculation
Ix-xiri ta' assi bl-għan li jogħlew il-prezzijiet tal-istess assi ħalli jinbiegħu bi prezz ogħla milli jkunu nxtraw; jew bil-maqlub, il-bejgħ ta' assi bl-għan li jitbaxxew il-prezzijiet tal-istess assi ħalli jerġgħu jinxtraw bi prezz inqas milli jkunu nbiegħu.

## spirall inflazzjonarju
### inflationary spiral
Meta l-inflazzjoni tal-prezzijiet (l-għoli tal-ħajja) twassal biex jiżdiedu l-pagi, u minħabba f'hekk tkompli tiżdied ir-rata tal-inflazzjoni. Dan jerġa' jwassal biex ikomplu jiżdiedu l-pagi, u l-ispirall ikompli sejjer.

## spiża
### cost
Il-prezz ta' oġġett jew servizz.

## spiża fissa
### fixed cost
Fil-kuntest mikroekonomiku: spiża li ma tvarjax mal-kwantità tal-produzzjoni.

## spiża fissa medja
### average fixed cost
Fil-kuntest mikroekonomiku: l-ispiża fissa ta' impriża fuq il-produzzjoni ta' prodott, diviża bil-kwantità tal-istess prodott.

## spiża marġinali
## marginal cost

Fit-teorija mikroekonomika: bidla fl-ispiża totali tal-produzzjoni minħabba bidla żgħira fil-produzzjoni.

## spiża tal-opportunità
## opportunity cost

Meta persuna jew entità tagħżel li tagħmel xi attività flok oħra, u b'hekk titlef il-qligħ li setgħet kisbet minn dik l-attività li ma tkunx saret.

## spiża tal-produzzjoni
## cost of production

L-ispiża totali ta' ditta biex tipproduċi kwantità speċifika ta' prodott.

## spiża totali
## total cost

Fil-kuntest mikroekonomiku: l-ispejjeż kollha tad-ditta biex tipproduċi l-prodotti tagħha, inklużi l-ispejjeż impliċiti, fi żmien speċifiku.

## spiża totali medja
## average total cost

Fil-kuntest mikroekonomiku: l-ispiża totali ta' impriża fuq il-produzzjoni ta' kwantità ta' prodott, diviża bil-kwantità tal-istess prodott.

## spiża varjabbli
## variable cost

Fil-kuntest mikroekonomiku: nefqa li tvarja mal-kwantità tal-produzzjoni. Pereżempju, il-ħlas għas-sigħat ta' xogħol jiżdied jew jonqos skont kemm l-impriża timpjega ħaddiema.

## spiża varjabbli medja
## average variable cost

Fil-kuntest mikroekonomiku: l-ispiża varjabbli totali ta' impriża fuq il-produzzjoni ta' kwantità ta' prodott partikolari, diviża bil-kwantità tal-istess prodott.

## spostament
## crowding-out

Meta attività ekonomika partikolari tnaqqas jew ma tħallix spazju fis-suq għal attività ekonomika oħra fl-istess suq; pereżempju, meta l-investiment tal-gvern inaqqas jew ma jħallix opportunitajiet għall-investiment privat.

## stabbilizzatur
## stabilizer

Fil-kuntest makroekonomiku: strument fiskali li jnaqqas il-varjazzjonijiet fl-attività ekonomika fil-kors ta' ċiklu ekonomiku. Dan jiġri, pereżempju, meta l-gvern inaqqas it-taxxi waqt riċessjoni biex jistimula l-attività ekonomika, jew meta jżid it-taxxi waqt tkabbir ekonomiku mgħaġġel. Xi stabbilizzaturi huma awtomatiċi għax jaħdmu weħidhom mingħajr il-ħtieġa tal-awtorizzazzjoni tal-gvern; ngħidu aħna l-benefiċċji tal-qgħad li jiżdiedu awtomatikament waqt riċessjoni meta jiżdied il-qgħad u, bl-istess mod, jonqsu meta jonqos il-qgħad.

## stagflazzjoni
## stagflation

Inflazzjoni meta l-ekonomija tkun staġnata. Dan iseħħ meta f'ekonomija ta' pajjiż ikun hemm rata għolja u persistenti ta'

inflazzjoni u, fl-istess ħin, ikun hemm rata baxxa jew negattiva ta' tkabbir ekonomiku u rata għolja ta' qgħad.

## stennija tal-għomor
### life expectancy
Għadd ta' snin li persuni f'xi pajjiż jew f'xi reġjun jistennew li se jgħixu ras għal ras. Normalment din titkejjel bħala n-numru ta' snin mit-twelid sal-mewt.

## stimulu fiskali
### fiscal stimulus
Żieda fin-nefqa tal-gvern jew tnaqqis fit-taxxa bil-ħsieb li tiżdied l-attività ekonomika. Xi drabi din l-azzjoni ssir biex tkun evitata riċessjoni.

## suq
### market
Sistema fejn ikun hemm interazzjoni bejn xerrejja u bejjiegħa biex isir skambju ta' oġġetti jew servizzi permezz tal-mekkaniżmu tal-prezz.

## suq ħieles
### free market
Meta l-provvista, id-domanda u l-prezzijiet ikunu determinati mill-forzi tas-suq mingħajr intervent tal-gvern. B'dan il-mod, f'suq ħieles, il-prezzijiet ikunu jistgħu jogħlew meta d-domanda tkun akbar mill-provvista u jorħsu meta l-provvista tkun akbar mid-domanda. Meta l-provvista u d-domanda jkunu ndaqs, nistennew li l-prezzijiet ikunu stabbli.

## suq illegali/black market
### black market
Attività ekonomika illegali li ssir l-aktar meta l-gvern jiffissa l-prezz massimu li bih jista' jinbiegħ prodott skars u l-bejjiegħ jitlob prezz ogħla minn dak iffissat mill-gvern. Din l-attività marbuta wkoll mal-bejgħ ta' xi prodott ipprojbit.

## suq komuni
### common market
Għaqda ta' pajjiżi li bejniethom ikun hemm kummerċ ħieles. Il-pajjiżi membri tal-għaqda jippermettu wkoll moviment liberu tal-ħaddiema, tas-servizzi u tal-kapital bejniethom.

▸ **għaqda doganali**

## suq kontestabbli
### contestable market
Suq li impriża barranija tista' tidħol fih faċilment biex tikkompeti ma' impriżi li jkunu diġà qed joperaw fih.

## suq tal-kambju
### foreign exchange market
Il-bejgħ u x-xiri ta' muniti fil-livell globali. Dan is-suq jaffettwa l-valur tal-munita ta' diversi pajjiżi.

## sussidju
### subsidy
Għotja ta' flus mill-gvern li tista' tieħu diversi forom, pereżempju għajnuna biex impriża (jew industrija) tbaxxi l-prezz tal-prodott li tbigħ, għall-vantaġġ tal-konsumaturi, jew biex impriża (jew industrija) tkun tista' tikkompeti fis-suq internazzjonali. Sussidju jista' jingħata wkoll lil familji jew individwi, ġeneralment biex xi oġġett jew servizz ikun aktar affordabbli.

## Tariffa Esterna Komuni
### Common External Tariff

Taxxa imposta minn għaqda doganali fuq prodotti importati minn pajjiżi li ma jkunux membri tagħha. Din it-tariffa tkun l-istess għall-pajjiżi kollha membri tal-għaqda.

## tariffi
### tariffs

Fil-kuntest tal-ekonomija internazzjonali: taxxi imposti mill-gvern ta' pajjiż fuq oġġetti importati minn barra l-pajjiż.

▸ **protezzjoniżmu**

## taxxa
### tax

Ammont ta' flus li jitħallas b'mod obbligatorju skont il-liġi, bl-għan li tkun iffinanzjata n-nefqa tal-gvern. It-taxxa titħallas l-aktar minn individwi jew entitajiet li jaqilgħu l-flus u/jew li jixtru oġġetti u servizzi.

## taxxa diretta
### direct tax

Taxxa fuq il-qligħ li titħallas direttament minn dawk li jagħmlu l-qligħ.

## taxxa fissa
### flat rate tax

Taxxa li ma tinbidilx ma' kemm jaqla' flus min iħallas it-taxxa.

## taxxa fuq il-qligħ
### income tax

Taxxa imposta direttament fuq il-qligħ personali jew fuq il-profitti tan-negozju. Tista' tkun proporzjonata, rigressiva jew progressiva.

## taxxa fuq il-valur
### ad valorem tax

Taxxa fuq il-valur ta' xi prodott, propjetà jew xi riżorsa oħra, ikkalkulata bħala persentaġġ tal-istess valur.

## taxxa fuq il-valur miżjud (VAT)
### value-added tax (VAT)

Taxxa indiretta imposta fuq il-valur tal-prodott f'kull stadju tal-produzzjoni sa ma jasal għand ix-xerrej. F'kull stadju, il-produttur iżid porzjon tat-taxxa fuq il-valur miżjud minnu. Meta l-prodott jasal għand il-konsumaturi finali, it-taxxa kollha jħallsuha huma għax tkun inkluża fil-prezz.

## taxxa indiretta
### indirect tax

Taxxa, bħat-taxxa fuq il-valur miżjud u t-taxxa tas-sisa, li titħallas meta jinbiegħu u jinxtraw il-prodotti. Hija indiretta għax ma titħallasx direttament mix-xerrejja, imma mill-bejjiegħa, għalkemm effettivament toħroġ mill-but tax-xerrejja għax tkun inkluża fil-prezz tal-prodott.

## taxxa progressiva
### progressive tax

Taxxa li tiżdied b'rata proporzjonalment ogħla miż-żieda fir-rata tal-qligħ.

## taxxa proporzjonata
### proportional tax
Taxxa li tiżdied bl-istess proporzjon li jiżdied il-qligħ.

## taxxa rigressiva
### regressive tax
Taxxa li tiżdied b'rata proporzjonalment inqas miż-żieda fir-rata tal-qligħ.

## taxxa tas-sisa
### excise tax
Taxxa indiretta imposta fuq il-bejgħ ta' ċerti oġġetti, x'aktarx b'domanda inelastika, bħall-alkoħol, il-petrol u s-sigaretti.

▸ **taxxa indiretta**

## telexogħol
### teleworking
Ħidma li ssir mid-dar minflok mill-uffiċċju bl-użu tat-teknoloġija elettronika, bħall-internet jew it-telefonija.

## telf ekonomiku għas-soċjetà
### deadweight loss
li jirriżulta meta ma jintlaħaqx ekwilibriju kompetittiv bejn id-domanda u l-provvista minħabba intervent fis-suq (bħalma hu monopolju) li jwassal għal prezz ogħla u għal inqas effiċjenza produttiva.

## teorija ekonomika Keynesjana
### Keynesian economic theory
Teorija makroekonomika li tagħti importanza liż-żieda fin-nefqa totali tal-pajjiż, l-aktar tal-gvern, u li biha tkun stimulata d-domanda li tiġġenera żieda fil-produzzjoni u l-impjiegi. L-idea tal-multiplikatur hija spiss assoċjata mat-teorija ta' Keynes.

John Maynard Keynes kien ekonomista Ingliż li kellu influwenza qawwija fuq l-iżvilupp tat-teorija u l-prattika tal-makroekonomija, l-aktar fit-tletinijiet tas-seklu għoxrin.

## teorija ekonomika klassika
### classical economic theory
Din it-teorija, li kienet fl-aqwa tagħha fl-aħħar tas-seklu tmintax u l-bidu tas-seklu dsatax, hija bbażata fuq is-suppożizzjoni li l-ekonomija tirregola ruħha b'mekkaniżmu naturali li jwassal biex jintlaħaq ekwilibriju bejn id-domanda u l-provvista tar-riżorsi. Adam Smith, li hu meqjus il-missier ta' din it-teorija, sejjaħ dan il-mekkaniżmu "l-id inviżibbli". L-implikazzjoni ewlenija ta' din it-teorija hi li s-suq ħieles hu l-aħjar arranġament għat-tkabbir ekonomiku.

## teorija li d-domanda tkabbar l-ekonomija
### demand-side economic theory
Teorija li tqis li l-attività ekonomika hi xprunata l-aktar mid-domanda

għall-oġġetti u s-servizzi. Din it-teorija tagħti importanza lir-rwol tax-xerrejja.

Xi drabi din it-teorija tkun ikkuntrastata mat-teorija li l-provvista tkabbar l-ekonomija.

### teorija li l-provvista tkabbar l-ekonomija
### supply-side theory

Teorija li tqis li l-provvista ta' oġġetti u servizzi tixpruna l-attività ekonomika u tagħti importanza lir-rwol tal-produtturi. Xi drabi din it-teorija tkun ikkuntrastata mat-teorija li d-domanda tkabbar l-ekonomija.

### teorija tad-distribuzzjoni
### theory of distribution

Il-mod kif il-qligħ nazzjonali jitqassam fost il-fatturi tal-produzzjoni, li jinkludu l-ħaddiema u s-sidien tal-kapital.

### teorija tal-kwantità tal-flus
### quantity theory of money

Teorija li tbassar li l-prezz ġenerali fil-pajjiż jiżdied meta jiżdied l-ammont ta' flus fiċ-ċirkolazzjoni. Din it-teorija ta' spiss tintuża biex tkun spjegata l-oriġini tal-inflazzjoni.

### teorija tal-logħob
### game theory

Teorija bl-użu ta' mudelli matematiċi dwar deċiżjonijiet loġiċi bejn il-partijiet involuti fi problema (imsejħa "logħba"). Din it-teorija tista' tkun applikata fl-istudju tal-ekonomija, fix-xjenza tal-kompjuter u f'oqsma oħra.

### teorija tal-valur maħluq mix-xogħol
### labour theory of value

Skont din it-teorija, il-valur ekonomiku ta' prodott huwa ddeterminat mix-xogħol kollu li jieħu biex jinħadem.

### teoriji tal-valur
### theories of value

Il-mod kif jinħoloq u jitkejjel il-valur tal-oġġetti u s-servizzi. Hemm diversi teoriji, fosthom it-teorija li l-valur jinħoloq mix-xogħol u li l-valur jinħoloq mill-utilità tal-oġġetti u s-servizzi.

### termini tal-kummerċ
### terms of trade

Fil-kuntest tal-ekonomija internazzjonali: żieda fil-prezz tal-esportazzjoni mqabbla ma' żieda fil-prezz tal-importazzjoni.

### tkabbir ekonomiku
### economic growth

Żieda fil-produzzjoni ta' oġġetti u servizzi ekonomiċi bejn perjodu u ieħor. Ġeneralment din titkejjel permezz ta' bidla fil-prodott domestiku gross f'termini reali.

## tnaqqis fil-produzzjoni marġinali
### diminishing marginal product/diminishing returns

Fit-teorija mikroekonomika: meta jintlaħaq punt li fih iż-żidiet fil-produzzjoni jibdew jonqsu għax fattur varjabbli (eż. ix-xogħol tal-ħaddiema) użat fil-proċess tal-produzzjoni jiżdied filwaqt li l-fatturi l-oħra (eż. il-makkinarju) jibqgħu fissi jew jiżdiedu b'rata aktar baxxa mill-fattur varjabbli.

## tnaqqis fl-utilità marġinali
### diminishing marginal utility

Fit-teorija mikroekonomika: meta żieda fil-kwantità ta' oġġett akkwistat tkabbar is-sodisfazzjon totali b'rata li tonqos progressivament.

Ngħidu aħna, jekk persuna jkollha żewġ nuċċalijiet simili, u takkwista nuċċali ieħor bħalhom, it-tielet nuċċali jżid is-sodisfazzjon totali ta' dik il-persuna. Imma s-sodisfazzjon miksub biż-żieda tat-tielet nuċċali jkun inqas minn dak miksub biż-żieda tat-tieni wieħed, u anki dan is-sodisfazzjon ikun inqas minn meta nxtara l-ewwel nuċċali.

Fi kliem ieħor, l-aktar nuċċali li jżid l-utilità (is-sodisfazzjon) għall-istess persuna huwa l-ewwel wieħed, naturalment għax ikun l-aktar wieħed meħtieġ.

## tqassim tax-xogħol
### division of labour

Meta x-xogħol jinqasam b'tali mod li kull persuna involuta tiffoka fuq parti speċifika tal-proċess tal-produzzjoni.

## utilità
### utility
Is-sodisfazzjon tal-konsumaturi mill-akkwist jew l-użu ta' oġġett jew servizz.

## union/għaqda tal-ħaddiema
### union
Organizzazzjoni li tgħaqqad lill-ħaddiema biex itejbu l-pagi u l-kundizzjonijiet ta' xogħolhom. Dawn l-għaqdiet ġeneralment jiffinanzjaw l-attività tagħhom bil-miżati tal-membri.

## valur
### value
Kejl, ġeneralment fi flus, tal-benefiċċju miksub mill-akkwist jew l-użu ta' riżorsa. Mhux dejjem faċli tiddetermina l-valur monetarju tar-riżorsa, aktar u aktar jekk ma tkunx tista' tinbiegħ, bħal fil-każ ta' xi riżorsi ambjentali. F'każi bħal dawn, il-valur ġieli jitkejjel b'metodi ta' valutazzjoni.

## valuta/munita
### currency
Flus li jiċċirkolaw fil-pajjiż u li huma aċċettati bħala mezz ta' skambju, bħall-ewro f'Malta u l-lira sterlina fir-Renju Unit.

## valutazzjoni kontinġenti
### contingent valuation
Metodu ta' valutazzjoni bbażat fuq stħarriġ li fih il-parteċipanti jintalbu jgħidu kemm lesti jħallsu biex jibqgħu jgawdu xi benefiċċju ambjentali (eż. veduta jew spazju miftuħ) jew kemm lesti jaċċettaw bħala kumpens għat-telf tal-istess benefiċċju.

## vantaġġ assolut
### absolute advantage
Fit-teorija tal-ekonomija internazzjonali: vantaġġ li jkollha ekonomija meta tkun kapaċi tipproduċi xi prodott b'aktar effiċjenza minn ekonomija oħra.

▸ **vantaġġ komparattiv**

## vantaġġ komparattiv
### comparative advantage
Fit-teorija tal-ekonomija internazzjonali: vantaġġ li jkollu pajjiż li jispeċjalizza fi prodott partikolari għax ikun kapaċi jipproduċih bi spiża tal-opportunità aktar baxxa minn ta' pajjiż ieħor. Dan il-kunċett jintuża biex jispjega l-benefiċċji tal-kummerċ internazzjonali.

▸ **vantaġġ assolut**

## varjabbli
### variable
Fil-matematika: valur li jista' jinbidel numerikament. Ngħidu aħna l-valur annwali tal-prodott domestiku gross fuq medda ta' għaxar snin huwa varjabbli minn sena għal oħra.

## veloċità tal-flus
### velocity of money
Fil-makroekonomija: id-drabi li l-flus fiċ-ċirkolazzjoni f'pajjiż jintużaw biex jinxtraw oġġetti u servizzi f'perjodu speċifiku. Ġeneralment din il-veloċità titkejjel billi l-qligħ nazzjonali jiġi diviż bil-provvista tal-flus (M1) fl-istess perjodu.

## vulnerabbiltà ekonomika
### economic vulnerability
Fil-kuntest ta' pajjiż: sitwazzjoni li fiha l-ekonomija tal-pajjiż tkun esposta għal impatti negattivi esterni.

## żieda fil-kapital fiss
### fixed capital formation
Fil-kuntest tal-kontijiet nazzjonali: żieda fl-ispiża finali f'perjodu ta' żmien fuq l-impjant, il-vetturi u l-kostruzzjoni, fuq skala nazzjonali.

## żmien qasir
### short run
Fit-teorija mikroekonomika: medda qasira ta' żmien li matulha d-ditti ma jkunux jistgħu jbiddlu l-impjant b'tali mod li jaġġustaw sew għall-bidliet fiċ-ċirkostanzi. Fl-istudju tal-mikroekonomija, "żmien qasir" huwa terminu kunċettwali u mhux perjodu speċifiku ta' żmien.

▸ **żmien twil**

## żmien twil
### long run
Fit-teorija mikroekonomika: medda ta' żmien li matulha impriża tkun tista' tvarja l-impjant tagħha. Għalhekk, dan il-perjodu jkun twil biżżejjed biex id-ditti jkollhom il-possibbiltà jaġġustaw sew għall-bidliet fiċ-ċirkostanzi. Fl-istudju tal-mikroekonomija, "żmien twil" huwa terminu kunċettwali u mhux perjodu speċifiku ta' żmien.

▸ **żmien qasir**

## żona ewro
### eurozone
Arranġament bejn l-istati membri tal-Unjoni Ewropea li jużaw l-ewro bħala munita nazzjonali.

## żona ta' kummerċ ħieles
### free trade area
Żona ġeografika mingħajr tariffi għall-pajjiżi membri fuq prodotti li jbigħu lil xulxin. Fl-istess ħin, kull pajjiż membru jkun jista' jimponi tariffi kemm irid fuq l-importazzjoni li toriġina mill-pajjiżi mhux membri taż-żona. Dan l-arranġament jirrikjedi regoli tal-oriġini.

## żvalutar
### devaluation
Fil-kuntest tal-ekonomija internazzjonali: it-tnaqqis tal-valur tal-munita ta' pajjiż imqabbel mal-valur tal-munita ta' pajjiż ieħor b'deċiżjoni tal-awtoritajiet tal-ewwel pajjiż.

## żvilupp ekonomiku
### economic development
Proċess li jwassal għal tkabbir ekonomiku u għal titjib fl-istituzzjonijiet ekonomiċi tal-pajjiż. Dan it-terminu ġeneralment jintuża fil-kuntest tal-pajjiżi qed jiżviluppaw.

## żvilupp sostenibbli
### sustainable development
Żvilupp li jistrieħ fuq tliet pilastri: il-progress ekonomiku, it-titjib soċjali u l-ħarsien tal-ambjent. Oriġinarjament, it-terminu kien ġie definit bħala żvilupp li jaqdi l-ħtiġijiet tal-ġenerazzjoni preżenti mingħajr ma jikkomprometti l-abbiltà tal-ġenerazzjonijiet futuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom ukoll.

# It-Tieni Taqsima

## Ingliż - Malti

| Terminu bl-Ingliż | Terminu bil-Malti |
| --- | --- |
| absolute advantage | vantaġġ assolut |
| absolute poverty | faqar assolut |
| accounting profit | profitt tal-kontabilità |
| activity rate | rata tal-attività |
| ad valorem tax | taxxa fuq il-valur |
| ageing population | popolazzjoni qed tixjieħ |
| aggregate demand | domanda aggregata |
| aggregate supply | provvista aggregata |
| appreciation | apprezzament |
| asset | ass |
| asset demand for money | domanda għall-flus bħala assi |
| asset diversification | diversifikazzjoni tal-assi |
| average fixed cost | spiża fissa medja |
| average product | produzzjoni ras għal ras |
| average total cost | spiża totali medja |
| average variable cost | spiża varjabbli medja |

---

| | |
| --- | --- |
| balance of payments | bilanċ tal-pagamenti |
| balance of trade | bilanċ tal-kummerċ |
| barriers to entry | ostakli għad-dħul fis-suq |
| behavioural economics | ekonomija tal-imġiba |
| bilateral aid | għajnuna bilaterali |
| black market | suq illegali |
| bond | bond |
| break-even price | prezz li jkopri l-ispiża |
| buffer stock | ħażna ta’ riserva |
| business cycle | ċiklu tal-kummerċ |

| | |
|---|---|
| capital account | kont kapitali |
| capital assets | assi kapitali |
| capital investment | investiment kapitali |
| capitalism | kapitaliżmu |
| carrying capacity | kapaċità massima |
| cartel | kartell |
| central bank | bank ċentrali |
| cheque | ċekk |
| choice | għażla |
| circular flow of income | ċirkolazzjoni tal-qligħ |
| classical economic theory | teorija ekonomika klassika |
| collusion | kollużjoni |
| commercial bank | bank kummerċjali |
| commodity | komodità |
| Common External Tariff | Tariffa Esterna Komuni |
| common market | suq komuni |
| comparative advantage | vantaġġ komparattiv |
| competition policy | politika tal-kompetizzjoni |
| complementary product | prodott kumplimentari |
| constant returns to scale | rendiment ta' skala kostanti |
| consumer indifference curve | kurva tal-indifferenza tal-konsumatur |
| consumer surplus | eċċess favur il-konsumatur |
| consumption | konsum |
| contestable market | suq kontestabbli |
| contingent valuation | valutazzjoni kontinġenti |
| contractionary fiscal policy | politika fiskali restrittiva |
| convertible currency | munita konvertibbli |
| cost | spiża |
| cost minimisation | minimizzazzjoni tal-ispiża |
| cost of production | spiża tal-produzzjoni |
| cost-push inflation | inflazzjoni tal-ispiża |

| | |
|---|---|
| cross-price elasticity of demand | elastiċità tad-domanda għall-prezz ta' prodott ieħor |
| crowding-out | spostament |
| cryptocurrency | kriptovaluta |
| currency | munita/valuta |
| currency in circulation | flus fiċ-ċirkolazzjoni |
| current account | kont kurrenti |
| current account deficit/surplus | defiċit/eċċess fil-kont kurrenti |
| curve | kurva |
| customs union | għaqda doganali |
| cyclical unemployment | qgħad ċikliku |

---

| | |
|---|---|
| deadweight loss | telf ekonomiku għas-soċjetà |
| debt/indebtedness | dejn |
| decreasing returns to scale | rendiment ta' skala li jonqos |
| deficit | defiċit |
| deficit financing | finanzjar tad-defiċit |
| deflation | deflazzjoni |
| deflator | deflatur |
| demand | domanda |
| demand deposit | depożitu ta' domanda |
| demand for money | domanda għall-flus |
| demand-pull inflation | inflazzjoni tad-domanda |
| demand-side economic theory | teorija li d-domanda tkabbar l-ekonomija |
| depreciation | deprezzament |
| derived demand | domanda derivata |
| deterioration/improvement in the terms of trade | deterjorazzjoni/titjib fit-termini tal-kummerċ |
| devaluation | żvalutar |
| developed countries | pajjiżi żviluppati |

| | |
|---|---|
| developing countries | pajjiżi qed jiżviluppaw |
| differentiated product | prodott differenzjat |
| diminishing marginal product/diminishing returns | tnaqqis fil-produzzjoni marġinali |
| diminishing marginal utility | tnaqqis fl-utilità marġinali |
| direct tax | taxxa diretta |
| disbursed costs | spejjeż maħruġa |
| discount rate | rata ta' skont |
| discouraged worker | ħaddiem skoraġġut |
| diseconomies of scale | diżekonomiji ta' skala |
| disequilibrium | skwilibriju |
| disposable income | qligħ disponibbli |
| dividend | dividend |
| division of labour | tqassim tax-xogħol |

---

| | |
|---|---|
| economic depression | dipressjoni ekonomika |
| economic development | żvilupp ekonomiku |
| economic diversification | diversifikazzjoni ekonomika |
| economic growth | tkabbir ekonomiku |
| economic profit | profitt ekonomiku |
| economic resilience | reżiljenza ekonomika |
| economic resources | riżorsi ekonomiċi |
| economic vulnerability | vulnerabbiltà ekonomika |
| economics | ekonomija (xjenza soċjali) |
| economies of scale | ekonomiji ta' skala |
| economist | ekonomist/a |
| economy | ekonomija (sistema) |
| entrepreneurship | intraprenditorija |
| environmental economics | ekonomija ambjentali |
| equilibrium | ekwilibriju |
| equilibrium price | prezz ekwilibranti |

| | |
|---|---|
| eurozone | żona ewro |
| even distribution of income | distribuzzjoni tal-qligħ ekwitabbli |
| everything else remaining equal (ceteris paribus) | dment li kull ħaġa oħra tibqa' l-istess |
| exchange rate | rata tal-kambju |
| excise tax | taxxa tas-sisa |
| expansionary fiscal policy | politika fiskali espansiva |
| expansionary monetary policy | politika monetarja espansiva |
| expenditure | nefqa |
| explicit costs | spejjeż espliċiti |
| export concentration | konċentrazzjoni tal-esportazzjoni |
| exports | esportazzjoni |
| externalities | effetti esterni |

---

| | |
|---|---|
| factors of production | fatturi tal-produzzjoni |
| fiat money | flus legali |
| financial incentive | inċentiv finanzjarju |
| fiscal balance | bilanċ fiskali |
| fiscal discipline | dixxiplina fiskali |
| fiscal multiplier | multiplikatur fiskali |
| fiscal policy | politika fiskali |
| fiscal stimulus | stimulu fiskali |
| fixed account | kont fiss |
| fixed capital | kapital fiss |
| fixed capital formation | żieda fil-kapital fiss |
| fixed cost | spiża fissa |
| fixed exchange rate | rata tal-kambju fissa |
| flat rate tax | taxxa fissa |
| floating exchange rate | rata tal-kambju flessibbli |

| | |
|---|---|
| foreign direct investment (FDI) | investiment barrani dirett |
| foreign exchange market | suq tal-kambju |
| free market | suq ħieles |
| free trade | kummerċ ħieles |
| free trade agreement | ftehim għal kummerċ ħieles |
| free trade area | żona ta' kummerċ ħieles |
| freedom of entry in the market | dħul liberu fis-suq |
| frictional unemployment | qgħad frizzjonali |
| full employment | impjieg massimu |

---

| | |
|---|---|
| gains from trade | benefiċċji tal-kummerċ internazzjonali |
| game theory | teorija tal-logħob |
| Giffen good | prodott Giffen |
| globalisation | globalizzazzjoni |
| gross domestic product (GDP) | prodott domestiku gross |
| gross domestic product per capita | prodott domestiku gross ras għal ras |
| gross national income | qligħ nazzjonali gross |
| Group of 77 | Grupp tas-77 |

---

| | |
|---|---|
| hoarding | ħżin |
| homogenous product | prodott omoġenju |
| human capital | kapital uman |
| hyperinflation | iperinflazzjoni |

| | |
|---|---|
| imperfect competition | kompetizzjoni imperfetta |
| implicit costs | spejjeż impliċiti |
| import substitution | sostituzzjoni tal-importazzjoni |
| importation | importazzjoni |
| income | qligħ |
| income distribution | distribuzzjoni tal-qligħ |
| income effect | effett tal-qligħ |
| income elasticity of demand | elastiċità tad-domanda għall-qligħ |
| income multiplier | multiplikatur tal-qligħ |
| income tax | taxxa fuq il-qligħ |
| incomes policy | politika tal-qligħ |
| increasing returns to scale | rendiment ta' skala li jiżdied |
| indebtedness/debt | dejn |
| indirect tax | taxxa indiretta |
| industrial economics | ekonomija industrijali |
| inelastic demand | domanda inelastika |
| infant industry | industrija għadha tibda |
| inferior good | oġġett inferjuri |
| inflation | inflazzjoni/għoli tal-ħajja |
| inflationary spiral | spirall inflazzjonarju |
| inflection point | punt ta' inflessjoni |
| infrastructure | infrastruttura |
| innovation policy | politika tal-innovazzjoni |
| interest rate | rata tal-imgħax |
| inter-industry linkages | rabtiet interindustrijali |
| international economics | ekonomija internazzjonali |
| International Monetary Fund (IMF) | Fond Monetarju Internazzjonali |
| inverted U-shaped curve | kurva forma ta' U bil-maqlub |
| investment | investiment |

| | |
|---|---|
| job vacancy | opportunità ta' xogħol/impjieg |

---

| | |
|---|---|
| Keynesian economic theory | teorija ekonomika Keynesjana |

---

| | |
|---|---|
| labour economics | ekonomija tax-xogħol |
| labour force | forza tax-xogħol |
| labour force participation rate | rata tal-parteċipazzjoni fil-forza tax-xogħol |
| labour theory of value | teorija tal-valur maħluq mix-xogħol |
| laissez-faire | laissez-faire |
| law of demand | liġi tad-domanda |
| law of supply | liġi tal-provvista |
| least developed countries | pajjiżi l-inqas żviluppati |
| liberalisation | liberalizzazzjoni |
| life expectancy | stennija tal-għomor |
| liquid assets | assi likwidi |
| long run | żmien twil |
| long term | perjodu twil |

---

| | |
|---|---|
| M1 | M1 |
| M2 | M2 |
| M3 | M3 |
| M4 | M4 |
| macroeconomics | makroekonomija |
| managed exchange rate | rata tal-kambju kkontrollata |
| marginal cost | spiża marġinali |
| marginal propensity of import | propensità marġinali tal-importazzjoni |

| | |
|---|---|
| marginal propensity to consume | propensità marġinali tal-konsum |
| marginal propensity to save | propensità marġinali tat-tfaddil |
| marginal revenue | dħul marġinali |
| marginal tax rate | rata marġinali tat-taxxa |
| market | suq |
| market dominance | dominanza tas-suq |
| market failure | falliment tas-suq |
| market forces | forzi tas-suq |
| maturity | maturità |
| maximum price/price ceiling | prezz massimu impost |
| medium term | perjodu medju |
| merit good | oġġett merituż |
| microeconomics | mikroekonomija |
| minimum price/price floor | prezz minimu impost |
| minimum wage | paga minima |
| mixed economy | ekonomija mħallta |
| monetarism | monetariżmu |
| monetary economics | ekonomija monetarja |
| monetary policy | politika monetarja |
| money | flus |
| money multiplier process | proċess multiplikatur tal-flus |
| money supply | provvista tal-flus |
| monopolist | monopolist/a |
| monopolistic competition | kompetizzjoni monopolistika |
| monopoly | monopolju |
| monopsonist | monopsonist/a |
| monopsony | monopsonija |
| movement along the curve | moviment fil-kurva |
| multilateral aid | għajnuna multilaterali |
| multinational corporation | korporazzjoni multinazzjonali |
| multiplier | multiplikatur |

| | |
|---|---|
| NAIRU (non-accelerating inflationary rate of unemployment) | rata tal-qgħad li ma żżidx l-inflazzjoni |
| national accounts | kontijiet nazzjonali |
| national income | qligħ nazzjonali |
| natural monopoly | monopolju naturali |
| natural rate of unemployment | rata tal-qgħad naturali |
| natural resources | riżorsi naturali |
| neoclassical economics | ekonomija neoklassika |
| neoliberalism | neoliberaliżmu |
| net domestic product | prodott domestiku nett |
| nominal gross domestic product | prodott domestiku gross nominali |
| non-convertible currency | munita mhux konvertibbli |
| non-governmental organization (NGO) | organizzazzjoni mhux governattiva |
| normal good | oġġett normali |
| normal profit | profitt normali |

---

| | |
|---|---|
| offical development assistance (ODA) | għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp |
| official financing | finanzjament uffiċjali |
| official reserves | riservi uffiċjali |
| oligopoly | oligopolju |
| opportunity cost | spiża tal-opportunità |
| output maximisation | massimizzazzjoni tal-produzzjoni |

| | |
|---|---|
| peak | quċċata |
| perfect competition | kompetizzjoni perfetta |
| perfectly elastic demand | domanda perfettament elastika |
| perfectly inelastic demand | domanda perfettament inelastika |
| personal income | qligħ personali |
| Phillips curve | kurva ta' Phillips |
| plant | impjant |
| population census | ċensiment tal-popolazzjoni |
| population density | densità tal-popolazzjoni |
| predatory pricing | prezz predatorju |
| preferential trade agreement | ftehim dwar kummerċ preferenzjali |
| price discrimination | diskriminazzjoni fil-prezz |
| price elasticity of demand/ elasticity of demand with respect to price | elastiċità tad-domanda għall-prezz |
| price elasticity of supply/ elasticity of supply with respect to price | elastiċità tal-provvista għall-prezz |
| price ceiling/maximum price | prezz massimu impost |
| price index | indiċi tal-prezzijiet |
| price mechanism | mekkaniżmu tal-prezz |
| private sector | settur privat |
| privatization | privatizzazzjoni |
| product | prodott |
| production indifference curve | kurva ta' indifferenza tal-produzzjoni |
| production possibility curve | fruntiera tal-possibbiltajiet tal-produzzjoni |
| productivity | produttività |
| profit | profitt |
| profit maximisation | massimizzazzjoni tal-profitt |

| | |
|---|---|
| progressive tax | taxxa progressiva |
| proportional tax | taxxa proporzjonata |
| protectionism | protezzjoniżmu |
| public finance | finanzi pubbliċi |
| public good | oġġett pubbliku |
| public sector | settur pubbliku |
| public-private partnership | sħubija bejn il-gvern u l-privat |

---

| | |
|---|---|
| quantitative easing | laxkar kwantitattiv |
| quantity theory of money | teorija tal-kwantità tal-flus |

---

| | |
|---|---|
| real gross domestic product | prodott domestiku gross reali |
| recession | riċessjoni |
| recovery | rkupru |
| regressive tax | taxxa rigressiva |
| relative poverty | faqar relattiv |
| rent | kera |
| resource balance | bilanċ tar-riżorsi |
| retail price index | indiċi tal-prezzijiet bl-imnut |
| retail trade | bejgħ bl-imnut |
| revenue | dħul/introjtu |
| risk | riskju |
| rules of origin | regoli tal-oriġini |

---

| | |
|---|---|
| scarcity | skarsezza |
| seasonal unemployment | qgħad staġonali |
| share | sehem |
| shareholder | azzjonist/a |
| shift of the curve | ċaqliq tal-kurva |

| | |
|---|---|
| short run | żmien qasir |
| short term | perjodu qasir |
| shut-down price | prezz mhux vijabbli |
| skill mismatches | diskrepanza fil-ħiliet |
| social security contribution | kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali |
| soft loan | self issussidjat |
| specialisation | speċjalizzazzjoni |
| speculation | spekulazzjoni |
| speculative demand for money | domanda spekulattiva għall-flus |
| S-shaped curve | kurva forma ta' S |
| stabilizer | stabbilizzatur |
| stagflation | stagflazzjoni |
| sticky wage | paga riġida |
| stock exchange | borża/suq tal-ishma |
| structural unemployment | qgħad strutturali |
| subsidy | sussidju |
| substitute product | prodott sostitut |
| substitution effect | effett ta' sostituzzjoni |
| supernormal profit | profitt sopranormali |
| supply | provvista |
| supply chain | katina tal-provvista |
| supply-side theory | teorija li l-provvista tkabbar l-ekonomija |
| surplus | eċċess |
| sustainable development | żvilupp sostenibbli |

---

| | |
|---|---|
| tariffs | tariffi |
| tax | taxxa |
| tax avoidance | evitar tat-taxxa |
| tax burden | piż tat-taxxa |

| | |
|---|---|
| tax evasion | evażjoni tat-taxxa |
| teleworking | telexogħol |
| terms of trade | termini tal-kummerċ |
| theories of value | teoriji tal-valur |
| theory of distribution | teorija tad-distribuzzjoni |
| tied aid | għajnuna finanzjarja marbuta |
| total cost | spiża totali |
| total final expenditure | nefqa finali totali |
| total product | produzzjoni totali |
| total revenue | dħul totali |
| trade barriers | ostakli għall-kummerċ |
| trade creation | ħolqien tal-kummerċ |
| trade diversion | devjazzjoni tal-kummerċ |
| transactions demand for money | domanda għall-flus għax-xiri |
| transfer payment | pagament trasferit |
| trough | qiegħ |

---

| | |
|---|---|
| uncertainty | inċertezza |
| underground economy | ekonomija mistura |
| undertaking | impriża |
| unemployment | qgħad |
| unemployment rate | rata tal-qgħad |
| uneven distribution of income | distribuzzjoni tal-qligħ żbilanċjata |
| union | għaqda tal-ħaddiema/union |
| unitary price elasticity of demand | elastiċità unitarja tad-domanda għall-prezz |
| U-shaped curve | kurva forma ta' U |
| utility | utilità |
| utility maximisation | massimizzazzjoni tal-utilità |

| | |
|---|---|
| valuation techniques | metodi ta' valutazzjoni |
| value | valur |
| value-added tax (VAT) | taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) |
| variable | varjabbli |
| variable cost | spiża varjabbli |
| velocity of money | veloċità tal-flus |

---

| | |
|---|---|
| wage | paga |
| wealth | ġid |
| wholesale | bejgħ bl-ingrossa |
| working age | età tax-xogħol |
| working-age population | popolazzjoni fl-età tax-xogħol |
| World Bank | Bank Dinji |
| World Trade Organization (WTO) | Organizzazzjoni tal-Kummerċ Dinji |

# Lino Briguglio

Lino Briguglio huwa Professur tal-Ekonomija fl-Università ta' Malta. Okkupa diversi karigi f'din l-Università, fosthom Kap tad-Dipartiment tal-Ekonomija u tad-Dipartiment tax-Xjenza Bankarja u Finanzjarja, u Direttur tal-Istitut tal-Gżejjer u l-Istati Żgħar, u tal-Kampus Universitarju ta' Għawdex.

Kien ukoll Kap tal-Fondazzjoni għall-Istudji Internazzjonali. Huwa magħruf internazzjonalment għax-xogħol seminali tiegħu dwar l-indiċi tal-vulnerabilità ekonomika li wassal għal interess kbir f'dan is-suġġett.

Serva bħala konsulent għal diversi organizzazzjonijiet internazzjonali dwar studji u rapporti relatati ma' stati żgħar u t-tibdil fil-klima.

Huwa kien wieħed mill-awturi ewlenin għal tliet rapporti tal-Panel Intergovernattiv dwar il-Bidla fil-Klima (IPCC), u ngħata l-Premju Nobel għall-Paċi (2007) flimkien ma' xjenzati oħra tal-istess Panel. Fl-2006 ngħata Ġieħ Għawdex għall-kontribut tiegħu għall-edukazzjoni universitarja f'Għawdex.

Il-Kunsill Nazzjonali
tal-Ilsien Malti

L-Università ta' Malta
Il-Fakultà tal-Arti
Id-Dipartiment
tal-Malti

9 789918 004676